NATIONAL COUNCIL FOR THE ELDERLY
Patronage - H.E. The President of the Republic of Malta
Members of AGE Platform Europe

NEWSPAPER POST

# L-Anzjani Llum

Leħen il-Kunsill Nazzjonali tal-Anzjani

Nru. 112

Ottubru - Diċembru 2023



## IL-KUNSILL NAZZJONALI TAL-ANZJANI JIFRAĦ LILL-ANZJANI KOLLHA MALTIN U GĦAWDXIN FL-OKKAŻJONI TAL-JUM INTERNAZZJONALI TAL-ANZJANI L-1 TA' OTTUBRU 2023

F'din l-edizzjoni...



4
**Is-Sur Frederick Fearne**
*Intervista minn Nazju Abela*



13
**Seminar dwar 'il-Pensjonijiet: Qabel 1962'**
*Rapport ta' Seminar*

# L-anzjani Xmun u Anna
# l-aħħar par tal-istorja tat-tfulija ta' Ġesù

*Kitba ta' Patri Mario Attard OFM Cap*



Tul il-qari tal-vanġeli fil-festi tal-Milied niltaqgħu mal-anzjani Xmun u Anna. Il-preżenza tagħhom hija waħda sabiħa anki jekk il-profezija li Xmun għamel lil Marija theżżeż il-blat!

F'dawn ir-rakkonti tat-tfulija ta' Ġesù, insibu tliet pari ta' koppji. L-ewwel koppja hija ta' Żakkarija u Eliżabbetta. Warajhom jidħlu Marija u Ġużeppi. Filwaqt li l-aħħar koppja hija ta' Xmun u Anna. Tajjeb nghidu li l-koppja Xmun u Anna hija qaddisa. Fil-fatt, Xmun kien bniedem tassew devot. Minn naħa l-oħra, Anna kienet profetessa. It-tnejn kienu fit-Tempju meta Marija u Ġużeppi ppreżentaw lil binhom Ġesù tarbija għall-konsagrazzjoni tiegħu lill-Mulej. L-involviment tagħhom ma' Ġesù tarbija waqt il-preżentazzjoni tiegħu nsibuh fil-vanġelu wara l-Milied fil-festa tal-Preżentazzjoni tal-Mulej Ġesù fit-Tempju. Din il-ġrajja hija mħabbra wkoll f'jumejn oħra fl-Ottava tal-Milied. L-ewwel waħda meta niltaqgħu ma' Xmun nhar id-29 ta' Diċembru u l-parti l-oħra ma' Anna fit-30 ta' Diċembru.

Xmun u Anna t-tnejn kienu mdaħħlin fiż-żmien. San Luqa jgħidilna li Anna kellha erba' u tmenin sena u anki Xmun kien anzjan. L-Ispirtu s-Santu nebbaħ lil Xmun li ma kienx ser imut qabel ma jara lill-Messija u, il-fatt li ġiet imsemmija mewtu, jissuġġerielna li żmienu fuq l-art kien qorob biex jgħaddi. Barra minn hekk, Xmun qatta' ħafna żmien jistenna. Dan il-fatt waħdu wkoll jindika l-mogħdija tas-snin.

Minn naħa tagħha, Anna hija eżempju mill-isbaħ ta' kif wieħed għandu jqatta' l-aħħar snin ta' ħajtu. Batiet ħafna minħabba l-mewt ta' żewġha. Wieħed jista' jimmaġina n-niket, il-vojt u s-solitudni li dan ħolqilha f'ħajjitha; realtà li setgħet farrkitha. Faċilment, Anna setgħet tipponta subgħajha lejn il-Mulej u twaħħal fih għall-iżventuri li għaddiet minnhom. Setgħet titlef il-fidi u tinqata' mill-Mulej bi ftit jew xejn talb u titbiegħed mill-fidi. Setgħet ukoll ħassitha li l-ħajja kienet tabilħaqq krudili magħha. It-tentazzjoni tagħha kienet li tintefa' fuq siġġu u toqgħod titħassar lilha nnifisha filwaqt li qalbha ssir oċean ta' mrar, b'ħarsa biċċiera u tibla' lil kull min jazzarda jersaq lejha biex ikellimha; kif jagħmlu xi wħud minna. Imma Anna m'għamlitx hekk. Kif naraw mill-vanġelu, il-fidi tagħha ma tħarrkitx u kellha dispożizzjoni pożittiva. Kienet mimlija gratitudni u tama. Kienet titlob lejl u nhar. Ta' kuljum, kienet terħilha lejn it-Tempju filwaqt li kienet issum regolarment. Waqt li ħabbtet wiċċha mad-diffikultajiet, il-qdusija tagħha għamlet pass 'il quddiem.

Mix-xwejħa Anna għandna ħafna x'nitgħallmu. Mal-medda tas-snin, aħna lkoll inbatu telfiet li jġibulna tbatija kbira u anki diżappunti kbar fil-ħajja. Anna tgħallimna kif għandna nġibu ruħna f'ċirkustanzi bħal dawn. Minħabba dak li għaddiet minnu, Anna setgħet faċilment tingħalaq fid-dinja tagħha, bejn erba' ħitan. Imma hija għażlet li tmur fit-Tempju kuljum. Kemm hu importanti hux li noħorġu minna nfusna u nibqgħu f'kuntatt mal-oħrajn! L-eżempju ta' Anna jħeġġiġna biex il-quddiesa ta' kuljum ma nfalluha qatt. Issa, li ma kellhiex aktar dmirijiet familjari u kellha aktar ħin f'idejha, Anna kellha l-għaqal li ma taħlix ħajjitha f'ġiri ta' bla fejda. Setgħet faċilment tqatta' s-snin li kien fadlilha tgħix f'ġiri fis-swieq u tparla fuq dik u fuq l-oħra. Bħalma hi t-tentazzjoni tagħna li nintefgħu naraw it-televiżjoni minn filgħodu sa filgħaxija jew, inkella, inqattgħu jiem sħaħ nithaddtu fuq il-*mobile*. L-għarfa Anna mliet ħinha bit-talb ta' spiss, minn filgħodu sa filgħaxija. Għalhekk, l-eżempju ta' Anna jurina li, aktar ma jgħaddu s-snin, il-ħajja tagħna tat-talb għandha tissaħħaħ mhux tiddgħajjef!

Minn naħa tiegħu, Xmun kien lest jiffaċċja l-mewt ukoll. Xmun kien raġel qaddis fit-Tempju. Mhux l-ewwel darba li artisti reliġjużi jpittruh bħala saċerdot. Madankollu, fil-vanġelu skont San Luqa, m'hemm ebda referenza li kien hekk. Xmun kien raġel ġust li josserva bl-akbar reqqa l-preċetti tal-Liġi. Xmun kien bniedem ta' fidi, ta' talb u anki ta' virtù. Barra minn dan, l-Ispirtu s-Santu kien fuqu. Kien qrib tal-Mulej, għaref u qawwi, mimli mħabba u ħlewwa. B'dawn il-kwalitajiet kollha, xorta waħda ma kienx imħejji jmut qabel jara lill-Messija. Imbagħad, fil-jum li ħa lit-tarbija Ġesù f'dirgħajh, stqarr solennement: *Issa, O Sid, tista' tħalli l-qaddej tiegħek imur fis-sliem, skont kelmtek*. F'kelma waħda, kien qisu qed jgħid: "Inħossni spiritwalment lest biex immut".

Anki jekk kien bniedem qaddis, Xmun kien ittentat ħafna li jkun ostaġġ. Daqs tazza ilma seta' beża' mill-mewt jew inkella jinqabad fiċ-ċirku tad-dubju jew f'xi dnub. Seta' anki jibqa' mwaħħal ma' xi ħaġa li ma riedx jiltaq minn idejh. Dan kollu nbidel fil-mument li għannaq miegħu lil Ġesù. L-istess għalina ħbieb! Kull persuna għandha quddiemha l-ostakoli li jistgħu jxekklu t-tħejjija spiritwali tagħha għall-mewt. Il-ġurnata li dik il-persuna tgħannaq magħha lil Ġesù tkun il-ġurnata li l-persuna tkun imħejjija biex tħalli din id-dinja.

**'L-ANZJANI LLUM' huwa leħen il-Kunsill Nazzjonali tal-Anzjani li joħroġ bla ħlas kull tliet xhur biex iżomm lill-Anzjani kollha infurmati b'dak li qed jiġri dwarhom u għalihom, u biex jaqsam magħhom il-veduti, ideat u suġġerimenti tagħhom.**

**IL-BORD EDITORJLI**

**Editur:**
Vincent Piccinino

**Membri:**
Josiah Grech, Mary Mangion u Marica Attard Cassar

**Proof Reader:**
Sonya Micallef

**Typing u Distribuzzjoni:**
Marica Attard Cassar

**IL-KUNSILL**

**President:**
Peter Paul Bonnici

**Viċi President:**
Lino Debono

**Segretarju:**
Raymond Cardona

**Ass. Segretarju:**
Emanuel Grima

**Teżorier:**
Godwin C. Micallef

**Ass. Teżorier:**
Saviour Attard

**Segretarju Internazzjonali:**
Anthony De Giovanni

**Uffiċċjal għar-Relazzjonijiet Pubbliċi:**
Mary Mangion

**Ass. U.R.P.:**
Alfred Mallia

**Membri:**
Saviour Attard
Louise Azzopardi
Emanuel Deguara
Frank Mumford

**Membri Co-Opted:**
Pawlu Caruana
Mary Farrugia

**ĦINIJIET TAL-UFFIĊĊJU GĦALL-PUBBLIKU**
Ċemplu għall-appuntament mit-Tnejn sal-Ġimgħa
09:00 - 12:00

**INDIRIZZ POSTALI**
**' L-Anzjani Llum'**
**Kunsill Nazzjonali tal-Anzjani**
**Triq Dom Mawru Inguanez,**
**Birkirkara - BKR 4811**
**Tel: 21 243860**
**E-mail: maltakna@gmail.com**
**www.kna.org.mt**
**Issettjat u Stampat: Bonnici's Press**
**36, Triq San Pawl, Valletta**

## *EDITORJAL*



# Ħbieb Anzjani, Insellmilkom

**Jikteb Vincent Piccinino - Editur**

Kitba ta' xi ħadd mhux magħruf fiha ħafna wieħed x'jixtarr. Lili baghtuhieli fuq *facebook* u tant għoġbitni li ddeċidejt li ngħaddiha lilkom ħalli intom ukoll tkunu tistgħu tibbenifikaw mill-pariri siewja li fiha.

'Dan l-aħħar', beda l-awtur mhux magħruf, 'iltqajt ma' wieħed minn dawk l-anzjani li tassew jafu xi jgħidu u li verament tieħu gost titħaddet magħhom. Il-kliem waqa' fuq il-bidliet li ġġib magħha x-xjuħija. Dan l-anzjan kważi ħasadni meta qalli hekk:

"Wara li ħabbejt lill-ġenituri, lil ħuti, lill-mara, lil uliedi u lil ħbiebi, issa bdejt inħobb lili nnifsi wkoll! Sa fl-aħħar, irrealizzajt li jien mhux *Atlas* u li d-dinja ma tistrieħx fuq spallejja.

Illum, m'għadnix nargumenta ma' tal-ħwienet. Ftit ċenteżmi iktar mhux ser ifaqqruni. Lil *waiters* sirt inħallilhom it-*tips*. Dik ix-xi ħaġa żejda kollha jieħdu gost biha u, wara kollox, dawk qed jitħabtu mal-ħajja iktar minni.

Lil sħabi l-anzjani m'għadnix niksirhom billi ngħidilhom li dik l-istorja diġà qaluhieli kemm-il darba. Permezz ta' dik l-istorja, huma jkunu qed iġeddu l-memorji tagħhom u jgħixu l-imgħoddi mill-ġdid. Tgħallimt ma noqgħodx nikkoreġi lil dak u lill-ieħor; anki meta nkun ċert li huma għandhom żball u li jien għandi raġun. Mhux kompitu tiegħi li nagħmel lil kulħadd perfett. U, wara kollox, is-sliem huwa iktar prezzjuż mill-perfezzjoni. Sirt iktar ġeneruż fil-kumplimenti li nagħti lil ħaddieħor. Il-kumplimenti jibdlu l-burdata mhux biss ta' min jirċevihom imma anki tiegħi stess.

Drajt ma nagħtix każ u ma noqgħodx ninkwieta jekk ikolli xi tikmixa jew xi tebgħa fuq il-qmis. Il-personalità li tgħodd mhux l-apparenza. Ma niddejjaqx nagħti dahri lil dawk li ma japprezzawnix. Huma ma jafux jien x'niswa imma jiena naf!

Illum ma nsibhiex bi tqila biex nibqa' kalm meta xi ħadd jipprova jieħu vantaġġ inġust biex jgħaddini fit-tiġrija tal-ħajja. Jien la jien atleta u lanqas ma jien qiegħed f'xi tellieqa.

Fuq kollox, qed nitgħallem ma nkunx imbarazzat bl-emozzjonijiet tiegħi. Huma dawn l-emozzjonijiet li jagħmluna bnedmin. Tgħallimt li jkun aħjar jekk ninsa l-egoiżmu tiegħi milli nitlef ħbiberija. L-egoiżmu tiegħi jista' jżommni 'l bogħod minn kulħadd imma, permezz tal-ħbiberiji, qatt ma nħossni waħdi.

Tgħallimt ukoll li ngħix kull ġurnata daqslikieku kienet l-aħħar waħda ta' ħajti. Wara kollox, taf tkun l-aħħar waħda wkoll. Min jaf?

Illum qed nagħmel dak li lili jagħmilni ferħan. Jien responsabbli għall-kuntentizza tiegħi u ħadd iżjed u jien jixraqli nkun ferħan. Il-kuntentizza hija għażla tiegħi u m'għandix inħalliha tiddependi minn ħaddieħor. Nista' nkun ferħan il-ħin kollu; xħin irrid; ħadd mhu sidi."

Iddeċidejt li naqsam dawn il-ħsibijiet sbieħ u pariri tajbin ma' kull min qed jaqra; kbir jew żgħir. Wara kollox, għaliex għandna nistennew sakemm ikollna xi sittin jew sebgħin sena biex irrabbu l-għaqal? Għaliex ma nipprattikawx din il-filosofija f'kull stadju ta' ħajjitna; għandna kemm għandna żmien?

Is-saħħa u s-sliem lil kulħadd.

# Nazju Abela jintervista lil Frederick Fearne



Is-Sur Frederick Fearne u jien għandna tliet affarijiet komuni. It-tnejn twelidna fl-1939, it-tnejn li aħna għamilna żmien naħdmu mas-Servizzi bħala apprendisti (jien it-Tarzna Navali u hu fir-*REME*) u t-tnejn li aħna wkoll qattajna l-biċċa l-kbira ta' ħajjitna naħdmu fil-qasam edukattiv. Fil-qasam tal-amministrazzjoni, Frederick Fearne serva fl-ogħla karigi taħt diversi ministri u fi żminijiet meta saru bidliet kbar fl-edukazzjoni. F'din l-intervista, ser niltaqgħu ma' Frederick ħalli hu jispjegalna l-aktar mumenti sinjifikanti f'dan il-qasam tant importanti għal pajjiżna. Imma mhux biss, ser ikellimna wkoll fuq il-familja u l-karriera tiegħu sakemm beda l-ħajja professjonali tiegħu.

**Qabelxejn, nirringrazzjak talli lqajt l-istedina tal-*magazine* tagħna u nitolbok tgħidilna xi ħaġa fil-qosor dwar it-tfulija tiegħek, fejn ħadt l-edukazzjoni, il-familja u ż-żogħżija tiegħek sakemm dħalt fid-dinja tax-xogħol.**

Twelidt l-Isla, fid-9 ta' Jannar tal-1939. Trabbejt Raħal Ġdid fejn mort l-iskola primarja tas-sorijiet, *St Joseph*, u, flimkien ma' student ieħor, kelli x-xorti nsib għalliema qalbha tajba u dedikata, *Sister* Roberta, li ppreparatna għall-eżami tal-Liċeo. Dak iż-żmien, mija u ħamsin tifel u mija u ħamsin tifla biss kienu jingħataw l-opportunità biex ikomplu bl-edukazzjoni sekondarja. Imbagħad, meta kont *Form IV*, iddeċidejt li nkompli l-edukazzjoni tiegħi mar-*Royal Electrical and Mechanical Engineers* (ir-*REME*) deċiżjoni li, dak iż-żmien, ħafna ħasbu li kienet żbaljata. Imma ż-żmien wera mod ieħor għax kien propju waqt dan iż-żmien ta' żvilupp tiegħi li ħadt l-esperjenza ta' xi tfisser id-dinja tax-xogħol, 'il bogħod mill-bank tal-iskola u l-ufficini. Kien dan iż-żmien li għeni napprezza l-isforzi li ħafna jagħmlu biex jaqilgħu il-ħobża tagħhom ta' kuljum.

**Meta bdejt il-ħajja tiegħek bħala għalliem u kif kienu l-ewwel snin sakemm għaddejt għal skaluna ogħla fl-edukazzjoni?**

Wara li ġibt l-*O Levels*, għamilt talba biex ningħata l-istess opportunità li kienu jingħataw l-apprendisti Ingliżi biex inkompli nistudja ġewwa *Polytechnic*, fl-Ingilterra. Meta din it-talba ma ntlaqgħetx, ta' dsatax-il sena, iddeċidejt li nitlaq mir-*REME* u dħalt bħala *Emergency Teacher* mad-Dipartiment tal-Edukazzjoni. Wara ftit xhur ngħallem fil-Primarja, qlibt għad-Dipartment tal-Edukazzjoni Teknika u bdejt ngħallem l-Ingliż u l-Matematika fiċ-Ċentru ta' Taħriġ Industrijali (il-*Government Industrial Training Centre*). Dak iż-żmien, bl-għajnuna ta' xi fondi mill-*UNDP*, kienu qed isiru għadd ta' korsijiet tas-snajja'. Dawn kienu korsijiet li, għall-ewwel, kienu ta' għaxar xhur imbagħad saru ta' sentejn. Kienu mmirati l-aktar lejn dawk iż-żgħażagħ li kienu ser jemigraw, ħafna minnhom, lejn l-Awstralja. Wara numru ta' snin ngħallem il-*GITC*, komplejt ngħallem il-Fiżika u l-Matematika fl-Iskola Teknika, San Ġużepp, ta' Raħal Ġdid u, iktar tard, fil-Liċeo, il-Ħamrun.

**X'sehem kellek meta bdejt il-ħajja tiegħek fil-qasam tal-Iskejjel tas-Snajja', it-*Trade Schools*, l-aktar f'*Umberto Calosso*?**

Snin wara, meta bdew l-Iskejjel tas-Snajja', fil-bidu tas-sebgħinijiet, tlabt li nkun trasferit għall-iskola tas-snajja', *Umberto Calosso*, għax kont nemmen li l-istudenti li ma rnexxilhomx jagħmluha għal-Liċeo kellhom jingħataw l-opportunità li jkomplu l-edukazzjoni tagħhom b'mod vokazzjonali. Spiċċajt Surmast ta' *Umberto Calosso* għal diversi snin u, imbagħad, minn hemm, inħtart *Education Officer* responsabbli għall-Edukazzjoni Teknika. Waqt dan il-perjodu, kont responsabbli wkoll biex nibda l-*Extended Skills Training Scheme* (l-*ESTS*) kif ukoll it-*Technician Apprenticeship Scheme* (it-*TAS*).

**Bħala Direttur Ġenerali tal-Edukazzjoni u Segretarju Permanenti, inti ħdimt taħt diversi Ministri tal-Edukazzjoni. Xi tgħidli dwar din l-esperjenza?**

Fil-bidu tat-tmeninijiet, inħtart Direttur Ġenerali tal-Edukazzjoni u, snin wara, Segretarju Permanenti fl-istess Ministeru. Irtirajt miċ-Ċivil fis-sena 2000 u kont maħtur bħala l-ewwel Prinċipal tal-*MCAST*. Dawk kienu



żminijiet ta' sfida imma llum ma nistax ma nħarisx lura mingħajr ma nħoss ċertu sens ta' sodisfazzjon meta nara kif l-*MCAST* żviluppa f'waħda mill-aqwa istituzzjonijiet edukattivi ta' pajjiżna.

**Issa li rtirajt, kif tqatta' l-ħin għad-dispożizzjoni tiegħek? Baqa' interessi oħrajn f'ħajtek?**

Irtirajt għalkollox fis-sena 2008, wara ħamsin sena ta' servizz kontinwu. Grazzi għal dan, bħala rikonoxximent għas-servizz li tajt lin-nazzjon, fl-2021, kont onorat b'Ġieħ ir-Repubblika mill-President ta' Malta, it-Tabib George Vella. Matul il-karriera tiegħi, dejjem kelli miegħi lill-mara tiegħi Carmen li, flimkien, rabbejna familja ta' żewġt itfal, Christopher u Keith. Aħna nanniet ta' erbat itfal jisimhom Dawn, Julian, Rafael u Kyle u anki bużnanniet ta' Eric. Fortunatament, illum, għandi iktar ċans ingawdi l-familja tiegħi li, bħalma jafu sħabna l-anzjani Maltin u Għawdxin, m'hawn xejn għeżeż minnha fid-dinja kollha.



# Żewġ minuti kollox

## F'żewġ minuti, anzjan attiv jirrakkonta żewġ ċajtiet

**Għand l-ispiżjar**

Mara daħlet fi spiżerija u talbet lill-ispiżjar għal flixkun arseniku. "Dan għalxiex tridu, sinjura?" staqsieha.

"Biex noqtol lir-raġel!" weġbitu.

"Imma jien ma nistax nagħtik il-velenu biex int toqtol lil xi ħadd" qalilha l-ispiżjar.

Mill-basket, il-mara ħarġet ritratt ta' raġel u mara f'qagħda ferm indeċenti u kompremettenti. Ir-raġel huwa żewġha filwaqt li l-mara hija mart l-ispiżjar. L-ispiżjar ħares lejn ir-ritratt, xengel rasu u qalilha: "U mel' għax m'għidtlix mill-ewwel li għandek il-karta tat-tabib?"

**L-imbeċilli**

"Irrid niddivorzja lil mara!" qal wieħed raġel lill-avukat.

"Għal liema raġun trid tiddivorzjaha?" staqsa l-avukat.

"Għax għajritni imbeċilli!" qallu l-ieħor.

"Naħseb li hija raġuni naqra fjakka biex fuqha nibbażaw talba għal divorzju," reġa' l-avukat, "imma għidli, eżattament, x'ġara sew!"

"Ilbieraħ, wasalt id-dar mix-xogħol ftit aktar kmieni mis-soltu u sibtha fis-sodda ma' raġel ieħor. Jien qbadt ngħajjat u għidtilha: "Hemm x'illostra qed tagħmel?" U hi weġbitni: "M'intix qed tara? Imbeċilli!"



# APPREZZAMENT

## Nazju Abela 1939 – 2023

Il-Ħadd, 18 ta' Ġunju 2023, Jum il-Missier, smajna bl-aħbar ta' niket li l-kollega tagħna fil-Kunsill, Nazju Abela, ħalla din id-dinja fl-età ta' tlieta u tmenin sena.

Nazju Abela twieled Bormla fit-22 t'Ottubru tal-1939. Minħabba l-gwerra, il-familja tiegħu marret toqgħod Ħaż-Żebbuġ meta hu kien għadu tarbija u baqa' joqgħod hemm sal-aħħar ta' ħajtu. Huwa ħa l-edukazzjoni tiegħu fl-iskola primarja ta' Ħaż-Żebbuġ, fid-*Dockyard Technical College* kif ukoll fis-*St Michael's Teacher Training College*.

Nazju kien xempju ta' anzjan attiv. Fil-fatt, huwa kien attiv politikament, soċjalment u kulturalment tul ħajtu kollha; sempliċiment, baqa' attiv anki meta kiber u sar anzjan. Għal dawn l-aħħar tlieta u sittin sena, minbarra li kien attiv ħafna fil-Partit Nazzjonalista, fejn okkupa diversi karigi, sa minn ċkunitu, lil Nazju nsibuh impenjat kemm fir-raħal addottiv tiegħu, Ħaż-Żebbuġ, kif ukoll fuq il-livell nazzjonali.

Fil-livell lokali, fis-snin sittin, Nazju Abela kien il-President tal-Azzjoni Kattolika ta' Ħaż-Żebbuġ, kien ukoll membru attiv fil-Każin tal-Banda ta' San Ġużepp ta' Ħaż-Żebbuġ fejn, għal għadd ta' snin, serva kemm bħala Segretarju kif ukoll bħala President, filwaqt li, fis-sebgħinijiet, huwa kien l-editur tar-rivista tal-Kunsill Ċiviku ta' Ħaż-Żebbuġ.

Fuq il-livell nazzjonali, Nazju kien membru tal-Eżekuttiv tal-*Union* tal-Għalliema, l-*MUT*. Kien membru tal-Moviment ta' Kana u, għal għaxar snin sħaħ, kien l-editur tar-rivista, *Familja Kana*. Barra minn hekk, bejn l-1987 u l-1999, kien is-Segretarju Privat ta' tliet Ministri tal-Edukazzjoni differenti.

Fil-Kunsill Nazzjonali tal-Anzjani, Nazju kien Viċi-President, Uffiċjal għar-Relazzjonijiet Pubbliċi kif ukoll membru tal-Bord Editorjali u kontributur regolari ta' dan il-*magazine*, *L-Anzjani Llum*.

Il-President u l-Membri kollha tal-Kunsill Nazzjonali tal-Anzjani jestendu l-kondoljanzi sinċieri tagħhom lil martu, Luckie, kif ukoll lit-tliet uliedu, Alex, Josanne u Celine. Il-Mulej jagħti lilu l-mistrieħ ta' dejjem li tant jixraqlu u lilkom is-sabar li teħtieġu f'dan iż-żmien ta' niket li ġġib magħha l-firda.

Din il-poeżija, li seħibna fil-Kunsill Nazzjonali tal-Anzjani, Nazju Abela, kiteb madwar xahrejn qabel ħalliena, jien inqisha bħala l-aħħar tislima tiegħu lilna lkoll li għexna u ħdimna daqstant qrib tiegħu għal bosta snin. Aqrawha ħalli taraw kemm hi sabiħa u, fl-istess ħin, taraw ukoll x'pinna ħelwa kellu Nazju.

Vincent Piccinino
Editur

## Id-dawl fit-tarf tal-mina

**Nazju Abela 21 - 4 - 20**



Il-ħajja tagħna hi kollha miżgħuda
bil-ferħ, bin-niket u bi ġranet sbieħ.
Xi drabi, maltemp qawwi li jheddidna,
li jfarrak u jqallibna sa mill-qiegħ.

U jiġu jiem u jiġu xhur xħin taħseb
li x-xemx għabet għalkollox mill-ħolqien
u tara s-snin igerbu mingħajr ħniena
waqt illi titlef sa kull ħjiel taż-żmien.

Kultant, bla taf, il-qalb tkun trid tiddetta
filwaqt li l-moħħ igħidilha: "Tgħaġġilx wisq!"
Jeħtieġ li żżomm il-kalma u r-raġuni
biex, flok id-dnewwa, ikollok biss ir-risq.

Jeħtieġ li inti tgħaddi mill-battalja
u jkollok tishar waħdek, lejl u nhar
u tibki waħdek mingħajr l-iċken ħniena
sakemm tilmaħ fit-tarf tal-mina x-xrar.

U terġa' tieħu r-ruħ u tibda taħseb
fil-ġranet sbieħ li hemm qed jistennewk.
Jispiċċa darb' għal dejjem l-uġegħ f'qalbek
u jfiġġ il-ward sabiħ, ħieles mix-xewk.

U dawk illi jħobbuk iduru miegħek,
jagħtuk mitt bewsa u, bil-qalb, jgħannquk.
Imbagħad, id-dmugħ ta' ferħ ħallieh iġelben
biex jaħsel il-feriti li darbuk!

# Apprezzamenti



## Doris Cassar 1940 – 2023

Il-Ħamis, 27 ta' Lulju 2023, b'niket smajna li l-ex kollega tagħna fil-Kunsill Nazzjonali tal-Anzjani, Doris Cassar, ħalliet din id-dinja fl-età ta' tnejn u tmenin sena.

Doris Cassar kienet mill-Marsa u, għalkemm kienet miżżewġa, nanna u bużnanna, dejjem sabet il-ħin biex tkun attiva fil-volontarjat u f'attivitajiet oħrajn. Kienet membru tal-għaqda reliġjuża, Fergħa Ewkaristika, fejn serviet bħala President tal-grupp tan-nisa. Meta kienet xebba, kienet tgħallem id-dutrina lit-tfal li jkunu ser jagħmlu l-Preċett. Meta t-tfal tagħha kibru, bdiet tgħin fil-qari u fit-tqarbin u anki kienet tkanta fil-kor tal-parroċċa tal-Marsa. L-għaqda tal-familja kienet importanti ferm għal Doris. Kienet tħobb torganizza ikliet u festini għall-familja bl-iskop li tlaqqagħhom u żommhom dejjem magħqudin flimkien. Barra milli tgħin lil uliedha u lill-familji tagħhom, Doris kienet tieħu ħsieb ukoll lill-ġenituri tagħha u anki lil membri oħrajn tal-parroċċa.

Qabel faqqgħet il-covid dsatax, Doris kienet torganizza laqgħat ta' kull ġimgħa għall-anzjani. Dawn kienu jkunu laqgħat informattivi minn mistednin speċjali li, fihom, kienet issir diskussjoni dwar id-diversi aspetti tal-ħajja. B'hekk, flimkien ma' xi kikkra kafè u biċċa kejk, Doris Cassar ħolqot kommunità ta' solidarjetà, wens, imħabba, soċjalizzazzjoni u ħbiberija bejnha u bejn l-anzjani li kienu jattendu għal dawn il-laqgħat.

L-attivitajiet speċjali għall-anzjani fiż-żminijiet tal-Milied, tal-Għid il-Kbir kif ukoll fil-ġimgħa tal-festa parrokkjali kienu ta' mpenn u għozza kbira għal Doris Cassar li dejjem ħadmet biex tferraħ u tgħin lill-anzjani. Minbarra dan, il-*coffee mornings* u l-ħarġiet bil-*private* kienu popolari ħafna mal-anzjani tant li, magħhom, huma kienu jieħdu lill-familjari u l-ħbieb tagħhom ukoll.

Doris Cassar tibqa' mfakkra għal mod kif kienet tferraħ, tfarraġ u tgħin lil kullħadd u għal mod kif kienet tinkoraġġixxi lill-familji jżommu l-paċi u l-għaqda, kemm bejniethom kif ukoll fil-kommunitajiet fejn jgħixu.

Apparti li kienet membru tal-Caritas, fejn kienet tieghu ħsieb l-anzjani tal-Marsa, Doris kienet tħobb tagħmel xogħol ta' artiġġjanat bħalma huma ċ-ċombini, l-induratura, il-ħjata, xogħol tal-ganċ u anki tiżjin ta' kejkijiet, speċjalment għan-neputijiet tagħha li kienu l-mimmi t'għajnejha. Madankollu, hija ma kinitx imkabbra u, minkejja l-età, spiss kienet tattendi għall-lezzjonijiet biex tkompli titgħallem dejjem iżjed.

Doris għamlet tmien snin sħaħ bħala Membru tal-Kunsill Nazzjonali tal-Anzjani u anki okkupat il-kariga ta' Assistent Teżorier. Il-President u l-Membri tal-Kunsill Nazzjonali tal-Anzjani jestendu l-kondoljanzi sinċieri tagħhom lil żewġha, lil uliedha u lill-qraba kollha tagħha. Il-Mulej jagħti lilha l-mistrieħ li tant jixirqilha u lilhom is-sabar li jeħtieġu f'dan iż-żmien diffiċli li ġġib magħha l-firda.



## Anthony Deguara 1940 – 2023

Aħbar oħra ta' niket waslitilna l-Ħamis, 3 t'Awwissu 2023, meta konna mgħarrfin li l-ex kollega tagħna fil-Kunsill Nazzjonali tal-Anzjani, Anthony Deguara, mar jiltaqa' mal-Mulej fl-età ta' tlieta u tmenin sena.

Anthony Deguara kien mill-Mellieħa. Kien bniedem attiv, kemm politikament u anki soċjalment. Beda l-karriera tiegħu bħala għalliem imma ħalla dan ix-xogħol biex jaħdem fl-industrija tat-turiżmu.

Barra li kien attiv fil-Każin tal-Banda tas-Soċjetà Filarmonica La Vittoria tal-Mellieħa, Anthony Deguara kien attiv ukoll fil-Partit Nazzjonalista fejn okkupa diversi karigi, kemm fl-APAN kif ukoll fil-Każin Nazzjonalista tal-Mellieħa. Min kien jaf lil Anthony ma setax ma jkunx jaf ukoll kemm il-filatelija kienet għal qalbu. Kien kollezzjonist tal-bolli u spiss kont tisimgħu jitkellem fuq il-bolli li kellu. Barra minn hekk, kien jgħin ħafna fil-volontarjat, speċjalment fid-Dar tal-Providenza.

Anthony Deguara wkoll għamel tmien snin bħala Membru tal-Kunsill Nazzjonali tal-Anzjani li, matulhom, anki serva l-ewwel bħala Assistent Teżorier imbagħad bħala Segretarju tal-Kunsill. Il-President u l-Membri kollha tal-Kunsill Nazzjonali tal-Anzjani jestendu l-kondoljanzi sinċieri tagħhom lill-martu, liż-żewġ uliedu u lill-familjari kollha tiegħu. Il-Mulej jagħti lilu l-mistrieħ misthoqq u lilhom is-sabar li jeħtieġu f'dan iż-żmien ta' niket li ġġib magħha l-firda.

# L-ewwel Marċ tas-Surmast Vincenzo Ciappara

## Miktub għall-Banda *Prince of Wales*, tal-Birgu

***Kitba ta' Peter Paul Ciantar***



Ftit snin ilu, kont mistieden mill-Kumitat tal-Banda *Prince of Wales* tal-Birgu biex nitkellem dwar is-Surmast Vincenzo Ciappara li kien Surmast Diretturta' din il-banda Vittorjożjana bejn l-1938 u l-1975. Dakinhar, għedtilhom li s-Surmast Ciappara kien ikkompona l-ewwel marċ tiegħu għall-Banda tagħhom. Din kienet xi ħaġa li l-membri tas-Soċjetà Mużikali *Prince of Wales* ħadu pjaċir jisimgħu. Kienet aħbar li, forsi, ħarġet għall-ewwel darba fil-pubbliku dakinhar. Dan stajt ngħidu għax, darba, kont qed infittex fil-librerija tax-Xandir u ltqajt ma' intervista li l-ħabib u kollega tiegħi, Victor Galdes, kien għamel mas-Surmast Ciappara. Waħda mill-mistoqsijiet li Victor Galdes kien staqsa lis-Surmast Ciappara kienet kif beda jikkomponi l-marċi u Ciappara wieġbu li, darba, mar fuqu d-delegat tal-Banda *Prince of Wales* tal-Birgu u talbu jiktbilhom marċ u dan tant intgħoġob li, wara, ħaduh il-Banda *King's Own* tal-Belt. Minn hemm, ħafna baned oħrajn bdew jitolbuh jiktbilhom marċ u Ciappara qal ukoll li, tant kiteb marċi, li lanqas hu stess ma kien jaf jgħid kemm.

Is-Surmast Ciappara għolla bis-sħiħ il-livell tal-marċ Malti. Il-marċ Malti huwa uniku f'dan il-ġeneru għax huwa marċ festiv; marċ marbut mal-festi tradizzjonali Maltin. Ma jimposta ruħu xejn fil-qasam tal-marċi militari imma maħluq biss għall-baned tradizzjonali Maltin waqt il-festi tagħna. Fiħ, hemm imsawra l-ħajja Maltija bl-entużjażmu kkulurit marbut mal-festi ddedikati għal dik jew dak il-qaddis. Ma tistax toħlom b'festa Maltija mingħajr il-ħoss tal-marċ Malti. Il-barranin li jkunu fostna jingħaqdu bis-sħiħ u japprezzaw immens il-ħoss tal-banda Maltija mal-marċi tagħna li jnisslu ferħ u allegrija.

Il-familja Ciappara ma kinitx xi waħda mużikali u Vincenzo daħal fil-mużika b'kumbinazzjoni. Missieru rebaħ vjolin u Vincenzo ġietu l-idea li, flok jużah bħala ġugarell, jibda jistudjah. Fil-fatt, irnexxielu sew għax, barra l-vjolin, Vincenzo tgħallem idoqq sew anki l-vjola u l-kontrabaxx. Kien idoqq fit-Teatru Rjal, fejn kiseb esperjenza kbira, u kien impjegat bħala kopjista. Li tkun kopjista fit-Teatru Rjal dak iż-żmien ma kienx ifisser biss li tikkopja l-partituri imma ridt tkun kapaċi tittrasporta u tirranġa l-mużika skont il-ħtieġa. Dan serva ta' esperjenza kbira għal Vincenzo Ciappara li, miegħu, ġibed ukoll f'din il-ħidma mużikali lil neputih, il-magħruf Carmelo Pace li ommu kienet tiġi oħt Vincenzo.

Vincenzo Ciappara beda jistudja l-mużika waħdu u, wara, kompla fl-Istitut Mużikali li l-bravu kompożitur Malti, Pawlino Vassallo, kellu fil-Belt, Valletta. Aktar tard, tgħallem l-armonija u l-orkestrazzjoni ma' Carlo Diacono u mas-Surmast Taljan Aurelio Doncich. Kien is-Surmast Diacono li ħajru biex jibda jidderieġi l-orkestra, l-aktar fil-knejjes. F'dan il-qasam, anki s-Surmast, Anton Nani, kien jibagħtu jidderieġi minfloku fil-kappelli li kien jieħu ħsieb hu.

Vincenzo Ciappara daħal fil-qasam tal-mużika bandistika, tista' tgħid, b'kumbinazzjoni. Skoprieh is-Surmast Lorenzo Gonzi li bagħtu jidderieġi l-Banda Maria Annunziata ta' Ħal Tarxien.

Fit-taħdita li kont tajt fil-Każin tal-Banda *Prince of Wales*, semmejt lis-Surmast Gonzi, li kien ħu l-Arcisqof, Mikiel Gonzi. Wara t-taħdita, is-Sur Emmanuel Busuttil Dougall, li kien il-President ta' dik is-soċjetà, urieni ritratt sabiħ tal-Banda *Prince of Wales* u, bilqiegħda fuq quddiem, bl-istrument f'idejh, kien hemm Lorenzo Gonzi li, għalija, kien dak li fetaħ it-triq beraħ għas-Surmast Vincenzo Ciappara fil-qasam tal-mużika bandistika ta' pajjiżna. Barra l-Banda Maria Annunziata ta' Ħal Tarxien, is-Surmast Ciappara kien jidderieġi baned oħrajn, fosthom, il-Banda Konti Ruġġieru, li magħha għamel ħamsin sena, u l-Banda *Prince of Wales*, li magħha għamel xi tmienja u tletin sena.

Li jimmeraviljani hu li s-Surmast Ciappara kkompona dawk il-marċi festivi kollha, flimkien ma' marċi funebri; kollha sbieħ immens u ma jonqoshom xejn, u kollha perfetti fl-istrumentazzjoni, meta dan lanqas biss kien jaf idoqq strument wieħed tal-banda. Niftakar klarinettista kbir Malti ta' dixxendenza Taljana li studja Milan li, darba, stqarr miegħi li s-swaba' ta' jdejh joqogħdu b'mod l-aktar naturali fuq l-istrument meta jdoqq mużika ta' Vincenzo Ciappara. Jien, li wkoll nifhem xi ftit fl-istrumenti tar-ram, bħalu ngħid.

Nammira ħafna wkoll il-marċi sinfoniċi ta' Ciappara; sbieħ ferm u, meta dawn ikunu esegwiti tajjeb, jagħtu kulur lill-programmi mużikali tal-baned tagħna. Ciappara kkompona wkoll diversi innijiet (imsejħin innu-marċ) kważi għall-baned kollha Għawdxin u, fl-aħħar, ikkompona wkoll innu-marċ għall-*King's Own* u ieħor għall-Banda Konti Ruġġieru li għadhom jindaqqu sal-lum. Imma, mingħajr dubju ta' xejn, l-aktar marċ popolari ta' Ciappara huwa l-famuż *Victory* li kitbu wara t-Tieni Gwerra Dinjija. Ciappara kkompona wkoll mużika għall-knejjes, fosthom, antifoni u innijiet bil-vuċijiet u l-kor. Għandi f'moħħi tnejn, dak tal-Banda *Imperial* tal-Mellieħa u ieħor għall-Banda ta' San Pawl il-Baħar.

Is-Surmast Ciappara kien strumentali wkoll fl-ewwel diski Maltin li kien ippubblika s-Sur Nin tad-Ditta Anthony D'Amato f'isem *His Master's Voice*. Għal dawn id-diski, is-Surmast Ciappara għamel dak kollu li kien jinħtieġ; l-arranġament mużikali, il-provi, insomma, kollox. U, meta l-kantanti Maltin telgħu Milan biex

jirrekordjaw, il-mużiċisti li kienu fost l-aqwa f'Milan, faħħru bis-sħiħ l-arranġamenti mużikali tas-Surmast Ciappara.

Dwar Vincenzo Ciappara ma nieqaf nitkellem jew nikteb qatt. Imma jkolli nieqaf għax inkella jaqbeż fuqi l-editur. Ngħidilkom ħaġa waħda tal-aħħar. Apprezzaw bis-sħiħ il-ħidma bandistika tas-Surmast Vincenzo Ciappara għax, f'dan il-qasam, mexxa l-baned Maltin 'il quddiem. Baqa' jikkomponi sal-aħħar. L-aħħar marċ tiegħu qiegħed għand il-Banda *King's Own*. Għalija, huwa marċ fenominali li donnu, fih, Ciappara ġabar l-esperjenza mużikali tiegħu kollha. Miet mingħajr ma laħaq lesta dan il-marċ u kompliegħ in-neputi tiegħu stess, is-Surmast Carmelo Pace.

Vincenzo Ciappara miet fid-dar tat-tifel tiegħu, l-Avukat Joseph Ciappara, nhar id-29 ta' Lulju, tal-1979; il-Festa ta' San Duminku tal-Belt. Kellu disgħa u tmenin sena. Il-funeral tiegħu l-ewwel beda fil-Knisja ta' Santu Wistin tal-Belt, wara kompla r-Rabat fejn saret quddiesa tiegħu *presente cadavere* fil-Knisja tal-Parroċċa bis-sehem tal-Banda Konti Ruggieru. Imbagħad, ittieħed bil-banda saċ-Ċimiterju ta' Santa Margerita tar-Rabat u, l-għada filgħodu, is-Surmast Vincenzo Ciappara, ir-Re tal-Marċi Maltin, ittieħed bil-kwiet fiċ-Ċimiterju tal-Addolorata fejn indifen fil-qabar tal-familja.

Ta' min jgħid li dan il-qabar, bin-numru West Q-H-13, jinsab fi stat ta' abbandun kbir u jeħtieġ manutenzjoni mill-aktar fis possibli. Is-Surmast Vincenzo Ciappara jixraqlu ferm aħjar!



# Meta nixjieħ ...

***Maqluba mill-Ingliż għall-Malti minn poeżija ta' Betty Mansfield***

Meta nixjieħ, għandi mnejn ma niftakarx, jew inħossni konfuż u anki, forsi, nitlef xi ftit il-paċenzja. Jaf jiġi żmien li lanqas biss niftakar min int jew x'jismek, għax ismek ikun maqful xi mkien fid-dlamijiet tal-ġewwieni ta' moħħi.

Imma, għalkemm tħossok imweġġgħa għax nasal biex ninsik, xorta tbissimli u żommli idi; jekk inħallik! Xorta kellimni dwar l-avventuri li għaddejna flimkien żmien ilu; xorta wrini r-ritratti ta' dawk li suppost naf; xorta doqqli l-mużika li żfinna flimkien u l-għanjiet li kantajna. U aqrali l-kotba li qrajt meta kont żgħir għax leħnek u kliemek jafu jkunu ċ-ċavetta li tiftaħ il-bieb tal-fortizza ta' moħħi. U forsi l-mużika tkebbes ix-xrar ta' memorja lubiena u niftakar wiċċek u x'jismek; imqar għal ftit waqtiet biss. Forsi niftakar il-lirika tal-għanja, il-postijiet li żorna u ż-żmien li qattajna flimkien. Anki jekk għal ftit mumenti biss, jew forsi ftit aktar ukoll, għax il-fjamma li taf tkebbes l-imħabba tixħet dawl mill-bieb imbexxaq tat-tifkiriet.

Imma, meta l-bieb jingħalaq u l-ilsna tan-nar jitmewtu; meta, għal darb' oħra, nerġa' ma nagħrfekx u ma niftakarx x'jismek, ibqa' ċert li, xi ħaġa, xorta tkun ħarrikt fl-abbissi ta' qalbi; xi ħaġa li nagħraf; xi ħaġa ta' veru mhux xi ħaġa maqfula f'moħħi biss imma xi ħaġa li minn dejjem kienet timraħ fl-ispazju tal-fundament ta' qalbi. Xi ħaġa li tkun tħarrket permezz tat-tbissima tiegħek, b'leħnek, bl-istejjer li rrakkontajtli, bl-għanjiet li kantajtli u xhin ħassejt idek sħuna mal-id kiesħa tiegħi.

U, għalkemm forsi jien, dak il-ħin, ma nsibx il-kliem addattat li inti tistenna li ngħidlek, kun żgur li, xi mkien, fil-fond ta' qalbi, niftakar li jien maħbub.

## APPELL

**Nirringrazzjaw lil dawn is-Sinjuri li semgħu l-appell tagħna u għoġobhom jagħmlu donazzjoni lill-Kunsill Nazzjonali tal-Anzjani biex jgħinuna nkopru ftit l-ispejjeż u biex inkomplu mexjin 'il quddiem fuq dan il-proġett fejjiedi għall-anzjani tagħna:**
JH San Ġwann - €20

**L-Editur**
Il-Kunsill Nazzjonali tal-Anzjani jippubblika din ir-rivista "L-Anzjani Llum" kull 3 xhur. Din ir-rivista mill-anzjani għall-anzjani għandha ċirkolazzjoni ta' 2,500, titqassam ukoll lis-Segretarjat għad-Drittijiet ta' Persuni b'Diżabbiltà u Anzjanità Attiva, il-Kunsilli Lokali kollha, Għaqdiet Affiljati mal-Kunsill, id-Djar tal-Anzjani kollha (tal-Gvern, tal-Privat u tal-Knisja), kif ukoll l-anzjani individwali li huma abbonati.
Din ir-rivista hija ta' interess u informazzjoni għall-anzjani fejn ninkuraġġuhom ikunu aktar attivi, fiżikament u mentalment.
Għaldaqstant napprezzaw ħafna li tagħtuna donazzjoni biex inġibulkom messaġġ promozzjonali f'din ir-rivista, biex dan l-iskop fejjiedi jkun jista' jitkompla.

Grazzi bil-quddiem

# Nostalġija

***Kitba ta' Saviour Rizzo***



It-tifsira tal-kelma Ingliża, *home,* tmur lil hinn minn sempliċiment dar bi kmamar imdawrin b'erba' ħitan. *Home*, hawnhekk, hija binja li fiha jgħixu nies li għandhom rabtiet sentimentali u relazzjonijiet intimi reċiproċi. *Home* huwa post li, in-nies li jagħmmru fih, iġibu ruħhom b'mod naturali ma' xulxin daqslikieku kienu qegħdin ġo darhom stess. Peress li f'ambjent ta' *home* hemm ftit jew xejn inibizzjonijiet, inti tħossok il-bniedem li int u tiġi aċċettat u rispettat bit-tajjeb u bil-ħażin kollu tiegħek. Għalhekk, meta bl-Ingliz ngħidu, *feel at home,* tfisser li tkun qiegħed tiġi mistieden tgħix f'ambjent fejn m'hemm ebda regola jew riċetta riġida li toħloq linji fissi jew obbligi stretti ta' mġieba. B'dan il-mod, il-*home* ssir pont ta' sigurtà soċjali, jew *shelter,* li jgħinna nikkumbattu t-taqlib u t-tensjonijiet li nħabbtu wiċċna magħhom fil-ħajja ta' kuljum.

Din, forsi, hija l-għala meta, għal xi raguni jew oħra, ikollok tgħix fit-tul 'il bogħod mid-dar, jiġu mumenti li tkun tixtieq tmur lura; jiġifieri, tibda tħossok *homesick*. Naħseb li dan jgħodd ħafna għar-residenti li jgħixu fi djar jew, aħjar, f'*homes* għall-anzjani. Dawn l-istituzzjonijiet iħaddnu fihom nies li kellhom jitilqu minn djarhom u jmorru jgħixu f'komunità żgħira u ristretta. Huwa importanti ħafna li, min jieħu ħsieb istituzzjonijiet bħal dawn, jagħmel minn kollox biex joħloq ambjent li fih l-anzjani jħossuhom *at home*. Biex tilħaq dan l-għan u ttaffi s-sens ta' *homesickness,* huwa importanti li, kemm jista' jkun, l-istituzzjoni ssir tixbaħ, jew ikollha ħafna karatteristiċi ta', *home*. Dan ifisser li għandu jkun hemm livell għoli ta' flessibilità u inqas burokrazija. Is-servizz li jingħata għandu jkun personalizzat kemm jista' b'tali mod li r-residenti ma jħossuhomx li huma sempliċiment numri. Ifisser ukoll li, fil-qadi ta' dmirijiethom, l-impjegati jridu juru livell għoli ta' empatija li twassal għal relazzjonijiet umani mar-resident. L-empatija hija l-kapaċità li tpoġġi lilek innifsek fis-sitwazzjoni ta' ħaddieħor u tagħraf dak li qiegħed iħoss hu. L-empatija hija l-kapaċità li tifhem il-moħħ ta' dawk li qed taqdi u, mingħajr sentimenti esaġerati, tipprova tħoss dak li qed iħossu huma. Biex l-impjegati jgħollu l-livell tagħhom ta' empatija, jeħtiġilhom juru interess fil-ħajja u, forsi, anki fl-istorja ta' dawk li jindukraw ta' kuljum. F'ambjent bħal dak ta' dar għall-anzjani, l-empatija għandha tkun meqjusa bħala bżonn etiku.

Eżerċizzju tajjeb li jgħin lir-residenti jikkomunikaw flimkien huwa meta jkunu inkoraġġiti jimirħu lura fiż-żmien b'mod pożittiv permezz ta' tqanqil ta' ħsibijiet nostalġiċi. In-nostalġija tgħin biex wieħed ikun iktar razzjonali fi ħsibijietu. Pereżempju, meta nara karozza tal-linja antika, taqbadni ċerta nostalġija u nibda nġib quddiem għajnejja dawk il-karozzi bi lwien differenti biex juru ta' liema rotta huma. Imma s-sabiħ ta' nostalġija bħal din malajr jixxellef meta niftakar kemm kienu jdaħħnu dawk il-karozzi huma u jserrpu fit-toroq tal-irħula tagħna. Jiġifieri li, waqt li nkunu qegħdin naħsbu fl-imgħoddi, xi ħaga li, aħna l-anzjani spiss nagħmlu, irridu noqogħdu attenti li ma naqgħux fin-nasba li nigglorifikaw il-passat u npinġuh bħala xi żmien kollu ħlewwa u mingħajr ebda tebgħa ta' kruha filwaqt li, fl-istess ħin, ngħidu li ż-żmien tal-lum huwa kollu ikrah.

MInkejja dan, ikun eżerċizzju tajjeb jekk, bi ħsibijiet nostalġiċi, inħarsu lura lejn dawk is-sentimenti li baqgħu impressjonati f'moħħna bħal, nghidu aħna, xi festin, xi ħbieb li magħhom konna nħossuna *at home*, jew xi avveniment li għinna naraw ir-realtà minn lenti differenti. Jien niftakar sew meta, fl-1952, mort l-ewwel darba ma' missieri l-*Empire Stadium* tal-Gżira nara l-logħba finali tal-*FA Cup* bejn il-Hibs u s-Sliema. Sadakinhar, l-unika esperjenza tiegħi ta' *football ground* kienet dik ta' PaceGrasso f'Raħal Ġdid jew, kif konna nsibuh dak iż-żmien, ix-*Schreiber Sports Ground*. Ix-*Schreiber* kien żewġ passi bogħod minn fejn kont noqgħod jien fi tfuliti. Meta mort l-ewwel darba l-*Empire Stadium,* ma stajtx ma nagħmilx paragun. Ħassejtni qisni qiegħed f'*Wembley Stadium* ta' Londra. Probabbli kull wieħed u waħda minna għandu xi tifkiriet bħal dawn li, meta tqanqalhom, għal mument, tħossok li mort f'dinja li kien fiha s-sabiħ tagħha u realtà differenti.

Dan jista' jkollu effett pożittiv. Tant hu hekk li, konklużjonijiet li joħorġu minn studji ta' riċerka psikoloġika, jindikaw li n-nostalġija tista' sservi bħala forma ta' terapija pożittiva għax tqanqal memorji sbieħ ta' avvenimenti li niftakru car u ngħożżu tul ħajjitna. Fil-psikoloġija moderna, in-nostalġija mhux talli mhijiex meqjusa bħala xkiel imma, saħansitra, bħala mezz biex nikkumbattu l-anzjetà u d-dipressjoni. Ta' min jinnota li anki kanzunetti popolari, ħafna drabi, ikun fihom elementi ta' ħsibijiet nostalġiċi. Fl-1968, kanzunetta li telghet fil-quċċata taċ-*charts* fl-Ingilterra kienet *Those were the days my friend*. F'Malta, kanzunetta li tqanqal ħafna nostalġija hija *L-aħħar Bidwi f'Wied il-Għasel*. Din hija tip ta' nostalġija li tista' tiftħilna għajnejna għar-rigward tal-bidliet fir-realtajiet li jseħħu madwarna ta' kuljum.

# Seduta Parlamentari

**Aktar siltiet mid-diskorsi li saru waqt Seduta Parlamentari bit-tema 'Id-Drittijiet ta' u l-Abbuż fuq l-Anzjani' organizzata mill-Kunsill Nazzjonali tal-Anzjani nhar il-Ġimgħa, 30 ta' Settembru 2022 fil-bini tal-Parlament il-Belt Valletta**



**L-Onor. Paula Mifsud Bonnici**, kelliema għall-Oppożizzjoni dwar l-Anzjanità Attiva u s-Servizzi fil-Kommunità, bdiet id-diskors tagħha billi qalet li l-għan ta' din is-sessjoni huwa biex aħna, ir-rappreżentanti tal-poplu, nirreaġixxu u naġixxu fuq dak li jintqal billi nfasslu liġijiet li, verament, jipproteġu, joffru awtonomija sħiħa u jissalvagwardjaw lill-anzjani minn kull abbuż.

Ma setax ikollna *spectrum* iktar wiesgħa ta' esperti f'dan il-qasam milli kellna llum f'din il-Plenarja, qalet l-Onor. Mifsud Bonnici. L-obbligu tagħna bħala politiċi huwa li nisimgħu għax ebda liġi ma tista' tħalli l-frott jekk, qabel, ma tkunx saret konsultazzjoni. F'dan ir-rigward, il-kelliema appellat lill-Gvern biex, qabel jagħmel xi ħaġa li tolqot lill-anzjani, jieħu l-parir tal-esperti miġburin f'din l-assemblea għax hekk biss nistgħu nassiguraw li l-anzjani jibqa' jkollhom l-indipendenza u l-awtonomija mingħajr ma nnaqqsu mid-dinjità u mid-drittijiet umani tagħhom.



L-Onor. Mifsud Bonnici qalet li għad hawn anzjani li l-pensjoni tagħhom mhijiex biżżejjed u staqsiet x'ser nagħmlu biex naraw li d-distakk li għadu jeżisti bejn il-pensjoni ta' raġel u dik ta' mara jispiċċa darba għal dejjem. Hija semmiet l-abbużi fuq l-anzjani u sostniet li hemm abbużi, sfortunatament, perpetrati anki, saħansitra, minn qraba, li diffiċli tkun taf bihom. Smajna b'każijiet ta' anzjani li, mingħalihom, marru għand nutar biex jagħmlu testment u, minflok, ikunu taw prokura ġenerali lil xi ħadd. Kif nistgħu nikkontrollaw każijiet ta' wlied jew anki *carers* li jieħdu nutar fid-djar tal-anzjani biex jibdlu l-aħħar testment li jkun sar? X'kontrolli nistgħu ndaħħlu biex naraw li dawn l-affarijiet ma jibqgħux isiru, staqsiet l-Onor. Mifsud Bonnici.

Wasal iż-żmien li noħolqu struttura sħiħa li tagħti għajnuna diretta lill-anzjani. Irridu ninvestu f'taħriġ għall-anzjani ħalli jkunu jafu x'għandhom jagħmlu f'każi ta' abbuż. Tajjeb li jkollna tim ta' professjonisti li jagħtu l-ewwel għajnuna u jibqgħu jsegwu lill-vittmi meta jkun hemm abbuż. Għandna nikkonsidraw li jkollna fond monetarju speċjali biex jgħin lil dawk li jitilfu kollox minħabba abbuz li jsir fuqhom. Għandna naraw bis-serjetà x'inhuma l-ħtiġijiet tan-nanniet u xi problemi qed jiffaċċjaw, l-aktar minħabba li għandna nanniet li għadhom jaħdmu u jieħdu ħsieb in-neputijiet tagħhom u, kif ukoll, għax għandna nanniet li jiġu mċaħħdin minn neputijiet tagħhom minħabba każijiet ta' separazzjoni. B'hekk biss, temmet tgħid l-Onor. Paula Mifsud Bonnici, nistgħu nagħtu lura lill-anzjani tagħna ftit mill-ħafna li taw huma matul ħajjithom.



Wara l-Onor. Mifsud Bonnici, għamel intervent l-Onor. **Malcolm Paul Agius Galea** li beda biex qabbel it-tfulija mal-anzjanità billi kkwota kemm minn San Pawl kif ukoll minn kliem Kristu. San Pawl kien qal: "Meta kont tifel, kont naħseb u nirraġuna ta' tifel imma, meta kbirt, bdejt naħseb u nirraġuna ta' raġel." Il-kelliemi spjega li huwa ovvju li, meta tkun żgħir, taħseb u tirraġuna ta' żgħir imma, meta tikber, ma tibqax tirraġuna bħat-tfal imma tibda tirraġuna b'mod iktar matur. Il-kwotazzjoni l-oħra hija ta' Kristu li qal, "Meta tkun żgħir, titħasseb u tmur fejn trid u, meta tikber, iħassbuk u joħduk fejn ma tridx!" Dan għax, fit-tfulija, hemm ċertu element ta' għażla imma, fix-xjuħija, aktarx li jkollok toqgħod għal dak li jaħseb għalik ħaddieħor; anki jekk joħduk fejn ma tridx; 'il bogħod mill-kommunità li tkun għext fiha; f'dar tal-anzjani.

L-esperjenza u l-maturità tal-anzjani jagħmlu differenza fir-relazzjonijiet soċjali. Jekk nitkellmu b'mod negattiv, x'aktarx li jkollna reazzjoni negattiva filwaqt li, kif jgħid il-Malti, "Bil-kelma t-tajba, toħroġ il-far mit-toqba." Ħafna nanniet jgħaddu ħin konsiderevoli ma' wlied uliedhom u hekk għandu jkun imma b'mod raġjonevoli, mingħajr ma ngħabbu lill-anzjani aktar

milli jifilħu. F'dawn iċ-ċirkustanzi, l-anzjani għandhom responsabbiltà kbira għax ikunu parteċipi fit-trobbija tat-tfal u, f'dan il-qasam, li tiżra taħsad. Kultant, anki jekk mingħajr ma rridu, bl-atteġġjament tagħna, iktar nistgħu nagħmlu deni milli ġid. Xi drabi, kelma nieqsa hija ħażin ukoll għax il-kelma tal-anzjani tiswa għax l-anzjani għaddew minn ħafna tiġrib u, allura, kliem ix-xiħ żomm fih. Il-parir tal-anzjani għandu l-valur tal-esperjenza! Minn naħa l-oħra, kultant ikun jeħtiġilna nigdmu ftit ilsienna għax kelma żejda tista' toħloq ħafna nkwiet ukoll. Imma, fuq kollox, huwa l-obbligu tagħna lkoll, temm jgħid l-Onor. Malcolm Paul Agius Galea, li nsemmgħu leħinna u nitkellmu kull fejn ikun hemm xi abbuż jew inġustizzja, anki jekk, saħansitra, dawn ikunu qed jitwettqu minn xi membru tal-familja tagħna stess. Żgur li m'għandniex ngħattulu għax jekk nagħmlu hekk, dan jista' anki jwassal għal konsegwenzi ferm iżjed serji aktar 'il quddiem.



Imbagħad għamel il-messaġġ tiegħu **l-Kap tal-Oppożizzjoni, l-Onor. Dr Bernard Grech**. Dr Grech irringrazzja lill-Kunsill Nazzjonali tal-Anzjani talli tah din l-opportunità biex jisma' dak kollu li jkunu qegħdin jgħidu l-anzjani. Huwa tkellem dwar kemm il-politiċi għandhom għal qalbhom lill-anzjani. Imbagħad, irrefera għal ċerti diffikultajiet li jiffaċċjaw xi whud mill-anzjani bħal, ngħidu aħna, dawk relatati mal-kirjiet kif ukoll id-diffikultajiet li jiltaqgħu magħhom anki fl-istess djar tal-anzjani fejn ikunu residenti. Dr Bernard Grech irrefera wkoll għad-diskriminazzjoni li jħabbtu wiċċhom magħha l-anzjani proprju minħabba l-età tagħhom. Il-kelliemi sostna li l-anzjani dejjem għandhom ikunu apprezzati għal kull għajnuna u għal kull kontribut li għadhom jistgħu u jifilħu jagħtu. Il-Kap tal-Oppożizzjoni temm id-diskors tiegħu billi ħeġġeġ biex, kontinwament, ikun hemm impenn serju u ħidma sfieqa minn kulħadd b'risq l-anzjani kollha tagħna.



Wara Dr Bernard Grech, għamel l-intervent tiegħu **l-Ministru għall-Anzjanità Attiva, L-Onor. Dr Jo Etienne Abela** li saħaq li m'għandux ikun hemm *labelling* tal-anzjani imma dawn għandhom ikunu meqjusin bħala *older persons* u dan ħalli jintlaħaq, u jiġi fis-seħħ, l-*ageing mainstreaming*.

Anki l-Ministru għall-Anzjanità Attiva wkoll irrefera għall-abużi fuq l-anzjani u aċċenna għal dak li sar permezz tal-liġi tal-2014 dwar il-vjolenza fuq l-anzjani. Bis-saħħa ta' din il-liġi, intlaħaq ftehim bejn it-Taqsima tal-Anzjanità Attiva, il-Kura fil-Komunità u l-*Victim Support Agency* u dan għandu jwassal għal aktar effiċjenza f'dan ir-rigward.

L-Onor. Jo Etienne Abela tkellem ukoll dwar li l-anzjani għandu jkollhom servizz holistiku li jinkludi dak kollu li jirrigwarda lilhom, kemm mill-aspett soċjali u mediku kif kif ukoll minn aspetti oħrajn. Huwa semma għadd ta' servizzi għall-anzjani li ser jissaħħu. Fost dawn, hemm servizzi mediċi bħal l-i*screening*, il-fisjoterapija, il-*pet therapy* kif ukoll servizzi għas-saħħa mentali u d-dimensja. Il-Ministru semma wkoll il-programmi dwar id-diġitalizzazzjoni ħalli l-anzjani jkunu indipendenti fl-użu ta' dak kollu li huwa diġitali, partikolarment, fil-qasam finanzjarju u soċjali.

### Għeluq tal-Plenarja

L-għeluq ta' din il-Plenarja sar mis-Sur **Peter Paul Bonnici**, President tal-Kunsill Nazzjonali tal-Anzjani, li beda d-diskors tiegħu billi afferma li d-drittijiet effettivi tal-anzjani huma bbażati fuq il-kunċett ta' *Human Rights based Approach*, li juża l-prinċipji internazzjonali li jirregolaw id-drittijiet umani li, abbażi tagħhom, l-anzjani jitpoġġew fiċ-ċentru ta' *policies* u prattiċi aktar qribhom fuq livell nazzjonali.

Dan l-*approach* huwa bbażat fuq l-universalità tad-drittijiet umani fejn l-anzjani huma mħeġġa jgawdu minn dawn id-dirittijiet l-istess bħal setturi oħrajn tas-soċjetà u jisħaq fuq il-kunċett li dawn id-drittijiet mhux talli ma jqisux l-anzjani bħala xi oġġett passiv suġġett għall-karità imma talli jpoġġu lill-anzjani f'pożizzjoni minn fejn huma jistgħu, saħansitra, anki jikkontribwixxu lis-soċjetà. Il-*Human Rights based Approach* jirrikonoxxi d-diversità u l-esperjenza tal-anzjani billi jingħataw l-opportunità biex jagħtu sehemhom fl-aspetti u l-proċessi kollha tal-ħajja billi jkollhom leħen fid-deċiżjonijiet li jittieħdu u li jaffettwawlhom ħajjithom u deċiżjonijiet oħrajn li jipprovdulhom protezzjoni xierqa ta' drittijiethom.

Biex il-kunċett tal-*Human Rights based Approach* ikun effettiv, kompla jgħid is-Sur Bonnici, irid jinkludi erba' prinċipji. L-ewwel wieħed huwa r-rikonoxximent tad-drittijiet legali infurzati li huma ħaġa waħda mal-aspett nazzjonali u internazzjonali tad-drittijiet umani bħalma huma ċ-*Charter* tad-drittijiet fundamentali, l-istrumenti relatati fi ħdan in-Nazzjonijiet Uniti u l-*European Social Charter*.

It-tieni prinċipju huwa l-parteċipazzjoni tal-anzjani u s-setgħat mogħtijin lilhom fis-soċjetà. Jekk le, l-anzjani jirrendu rwieħhom bħala individwi fraġili, dipendenti fuq dak li jagħmel ħaddieħor u, fil-*maġġor parti*, passivi. Dan il-prinċipju jħeġġeġ il-parteċipazzjoni effettiva fid-deċiżjonijiet li jittieħdu dwar servizzi u prodotti li jaffettwawlhom id-drittijiet umani tagħhom. B'hekk, l-anzjani jkollhom l-opportunità biex jikkontribwixxu b'mod effettiv f'dik li ħafna jsejħulha s-*silver economy*.

It-tielet prinċipju huwa dak tal-ugwaljanza u n-nondiskriminazzjoni fejn kull forma ta' diskriminazzjoni li xxekkel id-drittijiet, għandha tkun projbita, miżmuma u eliminata. Dan jintlaħaq biss bit-teħid ta' deċiżjonijiet fuq bażi ugwali ma' partijiet oħrajn tas-soċjetà kif ukoll billi tkun indirizzata l-problema ta' *ageism*, kunċett li joħloq inegwaljanzi bi ksur tad-drittijiet umani tal-anzjani.

Ir-raba' prinċipju huwa dak tal-kontabilità u monitoraġġ u jikkonsisti fl-evalwazzjoni ta' *policies* u liġijiet li huma ċ-ċavetta ta' kif il-*Human Rights based Approach* jimpatta u jikkontribwixxi fit-twettiq tad-drittijiet tal-anzjani.

Dan kollu, kompla l-kelliem, huwa impenn tal-*AGE Platform Europe* li, flimkien mal-pajjiżi membri, tħeġġeġ għal strateġija ta' ugwaljanza tal-etajiet kollha, strateġija li hija addottata mill-Konvenzjoni tan-Nazzjonijiet Uniti għal-avvanz tad-drittijiet tal-anzjani fuq livell internazzjonali. L- *AGE Platform Europe* qed timbotta biex din l-għodda effettiva kontra l-*ageism* u diskriminazzjoni bejn l-etajiet tiggarantixxi solidarjetà interġenerazzjonali u drittijiet ugwali għall-etajiet kollha. Din il-Plenarja taqbel perfettament ma' din l-inizzjattiva Ewropea għall-benesseri tal-anzjani bit-tema magħżula



għal din is-sena li hija, **Reżiljenza għall-Anzjani f'Dinja li qed tinbidel.**

Fuq bażi lokali, il-Kunsill Nazzjonali tal-Anzjani hu tal-fehma li dan is-suġġett jinteressa lis-socjetà kollha imma jifhem li, biex jidħlu dawn ir-riformi legali, jeħtieg li għadd ta' Ministeri, taħt id-direzzjoni tal-Ministeru għal Anzjanità Attiva, iressqu proposti konkreti għall-inklużjoni fil-Kodiċi Ċivili u Kriminali. Biex dan iseħħ, l-għodda tal-*MCESD* hija indispensabbli għax, bis-saħħa tagħha, tingħata vuċi xierqa lil mija u disgħa u għoxrin elf anzjan u anzjana Maltin u Għawdxin. Dawn huma proċessi li bdew fl-Istati Membri l-oħra Ewropej u jibqgħu għaddejjin biex, fil-Kodiċi relattivi tagħhom, jersqu lejn dik id-dinjità li jixraq lil-anzjani.

Fl-aħħar nett, il-President tal-Kunsill Nazzjonali tal-Anzjani, is-Sur Peter Paul Bonnici, ikkonkluda d-diskors tiegħu billi rringrazzja lil kull min ta sehmu għas-suċċess ta' din il-Plenarja, specjalment, lil *Mr Speaker* li għoġbu jilqagħna fil-Kamra tar-Rappreżentanti minn fejn l-anzjani setgħu isemmgħu leħinhom.

# Seminar dwar 'il-Pensjonijiet: Qabel 1962'





Il-Kunsill Nazzjonali tal-Anzjani organizza Seminar fis-27 ta' Lulju 2023, Istitut Kattoliku, il-Furjana dwar materja li qajmet ħafna interess fost il-pensjonanti. Il-kwestjoni għandha l-oriġini tagħha sittax-il sena ilu meta r-rapport tal-*Pensions Working Group* kien ippropona li ssir distinzjoni fil-pensjoni bejn dawk li twieldu qabel u dawk li twieldu fl-1962 u wara. Din id-diskriminazzjoni ngħatat promenenza fil-ġurnali issa li l-ewwel ħaddiema li twieldu fl-1962 bdew jirtiraw.

Is-Sur Peter Paul Bonnici, Il-President tal-KNA ta merħba lill-pubbliku li attendenza numeruża filwaqt li introduċa s-suġġett billi qal li l-Kunsill xtaq jisma' l-esperti, il-politiċi,il-*unions* u soċjetà ċivili dwar din il-

materja ħalli jkun jista' jifforma l-pożizzjoni infurmata tiegħu.

Is-Sur George Sultana qal li wieħed irid jara l-pensjonijiet f'kuntest u semma erba' xenarji: 1) is-sistema soċjali nnifisha 2) it-tibdil demografiku, 3) persuni f'riskju ta' faqar b'rata akbar fost l-anzjani u 4) iż-żieda fil-prezzijiet. Spjega li sistema tal-pensjonijiet hija *'pay as you go'*. Riforma tal-pensjonijiet mhix ta' darba iżda tkun aġġornata minn żmien għal żmien biex tirrifletti l-bdil fiċ-ċirkustanzi. Kull 5 snin jitpoġġa rapport fil-Parlament li jipproponi miżuri bħaż-żieda gradwali fl-età tal-irtirar jew inċentivi għal *second* u *third pillar pensions*. Kull riforma tolqot ħafna nies, min tajjeb u min ħażin speċjalment f'kaz ta' *cut-off dates* li jiddiskriminaw skont l-età. F'dal-każ inħolqot sistema fuq żewġ binarji fejn dawk li twieldu qabel fl-1962 ikunu assessjati mod u dawk ta' wara l-1962 assessjati mod ieħor. Dan ġab reazzjoni, partikolarment minn dawk li twieldu qabel l-1962.

L-Onorevoli, Dr. Michael Falzon MP, Ministru għas-Solidarjetà u l-Ġustizzja Soċjali, il-Familja u d-Drittijiet tat-Tfal, qal li l-pensjonijiet m'għandhomx ikunu ballun politiku. Huwa qal li s-sena d-dieħla 20% tal-popolazzjoni jew aktar minn 100,000 ser ikunu pensjonanti. Dan iġib sfidi kemm tal-passat kif ukoll tal-futur u li qal ma jiddejjaqx jiffaċċahom. Huwa qal li l-għixien tal-pensjonant jiddependi mill-pensjoni u l-ewwel prioritá kienet li tingħata l-pensjoni lill-aktar nies. Il-Ministru fakkar li bir-riforma tal-2006, id-differenzi fil-pensjoni baqgħu għal 16-il sena fuq il-karta u issa bdejna narawhom fil-prattika u li jekk bħala pajjiż ma niffaċċjawx din l-isfida minn issa, il-pajjiż ma jkunx jista' jirranġaha. L-intenzjoni hi li jibda jingħalaq id-distakk għalkemm dan ma jistax isir f'*budget* wieħed. Il-ministru kkonkluda billi qal li fil-*budget* li ġej ser ikun hemm il-COLA li ser tingħata shiħa lill-pensjonanti kollha, kif ukoll xi ħaġa żieda fil-pensjoni u li l-qasma tal-1961/62 ser tibda tingħalaq.

Il-Moderatur, is-Sinjura Louise Azzopardi introduċiet lil-membri tal-*Panel*. Hija qalet li l-ewwel ser isir intervent kull wieħed mill-membri tal-*Panel* u wara jsiru interventi minn dawk preżenti. Is-Sur Joseph M Azzopardi mill-Għaqda tal-Pensjonanti qal li l-*Pensions Working Group* kien isostni li t-*terms of reference* tiegħu kienu l-pensjonanti futuri u li l-problemi tal-pensjonanti preżenti kellhom jittaffew b'miżuri tal-*Budgets*, xi ħaġa li ma saritx u kien biss fl-2014 li l-*Pensions Working Group* beda jitratta wkoll il-pensjonanti preżenti. Huwa qal li dawk li twieldu fl-1962 bdew iħallsu xi ħaġa aktar filwaqt li dawk il-ħaddiema li twieldu qabel ma ngħatawx l-istess possibbiltà. Is-Sur Josef Bugeja Segretarju Ġenerali tal-GWU qal li l-*Union* u l-Għaqda tal-Pensjonanti għandhom żewġ prinċipji 1) l-età m'għandhiex tkun mezz ta' diskriminazzjoni fost il-pensjonanti u 2) l-adekwatezza tad-dħul għal-pensjonant. Is-Sur Josef Vella Kap Eżekuttiv UHM qal li jinħtieġ isiru żewġ affarijiet 1) li tkompli ssir pressjoni mill-*unions* u l-għaqdiet biex tinġieb ir-rieda politika ħalli l-kwestjoni tal-1962 tibda tkun indirizzata 2) nesiġu li wara 40 sena fis-suq tax-xogħol il-ħaddiem għandu d-dritt għall-mistrieħ.

Fl-ewwel l-intervent mill-publiku preżenti s-Sinjura Anna Vella, Għaqda tal-Anzjani GWU staqsiet lis- Sur Josef Vella xi proposti kellu għall-kwestjoni tas-61/62. Il-Prof. Arnold Cassola ppropona li l-*capping* għandu jispiċċa u jkun hemm miżuri biex il-*gap* tingħalaq. Sinjura tkellmet dwar il-pensjoni tat-teżor filwaqt li s-sur Mark Chircop tal-MAPRO qal li kien jonqos li t-tekniċi tal-ministeru jikunu preżenti u issuġġerixxa li dawk ta' wara s-62 jieħdu nofs iż-żieda l-istess bħal dawk li twieldu qabel. Anthony Borg mill-MUT xtaq li l-GWU u l-UHM jagħmlu sforz wieħed. Is-Sur Victor Lapira qal li l-gvern għandu jieħu miżuri biex jindirizza l-problema ta' nuqqas ta' twelid u qal ukoll li għandu jkun hemm miżuri biex jassiguraw li l-i*nsurances* privati jżommu ma' dak li jintrabtu bih meta timmatura l-*policy*. B'reazzjoni għall-mistoqsija li saritlu, is-Sur Joseph Vella qal m'hemmx taghmel ħlief li jekk hemm diskrepanza taghti l-istess flus lil dawk li twieldu qabel l-1962.



L-Onorevoli, is-Sur David Agius MP, *Shadow Minister*, Kelliem Responsabbli mill-Politika Soċjali, il-Politika dwar il-Familja, is-Sigurtà Soċjali, il-Pensjonijiet, u s-Servizzi ta' Solidarjetà, qal li jifhem li jekk timmultiplika n-numru ta' pensjonanti li twieldu qabel l-1962 bl-ammont ta' ewro li ser jieħdu anqas minn dawk ta' wara l-1962 tasal għal ċifra li l-gvern irid joħroġ kull sena biex isolvi dil-problema li huwa qal li kienet miżura fil-manifest elettorali tal-Partit Nazzjonalista. Huwa qal li l-esperjenza turi li jekk kulħadd joqgħod kwiet id-dar ma jiġri xejn bħal meta wieħed joħroġ fit-toroq jipprotesta. L-Onorevoli, Dr Paula Mifsud Bonnici MP, *Shadow Minister*, Kelliema għall-Anzjanitá Attiva, Responsabbli mill-Anzjani, is-Servizzi fil-Komunità u d-Djar għall-Anzjani, qalet li kull meta tattendi għal-laqgħat organizzati mill-Kunsill Nazzjonali tal-Anzjani dejjem tieħu pjaċir u li kellha l-fiduċja li dak li tkun qed tagħmel il-KNA dejjem tagħmlu għall-ġid tal-anzjani. Qalet li qed toħroġ mil-laqgħa konvinta li kulħadd qed jaqbel li din il-kwestjoni għandha tiġi indirizzata u li l-ministru wera *commitment* li ser tkun indirizzata.



# Imħatra bejn avukat u bejjiegħ tal-ħaxix

## Rakkont ta' ġrajja li jingħad li seħħet tassew

*Kitba ta'Paul J. Debono*

Xogħol l-avukat Agius Mifsud kien il-qorti u, allura, huwa kien ikun il-Belt ta' kuljum. Imma l-avukat ma kienx mill-Belt; kien joqgħod il-Birgu, ftit 'il bogħod mis-suq fejn, fost oħrajn, ċertu Wenzu kien jarma bil-ħaxix u bil-frott. Wenzu kien jafu lil avukat għax is-Sinjura Anġelika, mart l-avukat, kienet klijenta regolari tiegħu.

Darba waħda, Wenzu ħtieġlu jitla' qadja sal-Belt. Meta lesta minn dak li kellu jagħmel, tħajjar jidħol sal-Barrakka ta' Fuq biex jagħti titwila lill-port sabiħ tagħna. Dak iż-żmien, mill-gallerija tal-Barrakka ta' Fuq, kont tara d-daħliet kennija tal-Port il-Kbir miżgħudin bil-bastimenti Ingliżi tal-injam kollha bil-qlugħ. Dakinhar, fil-gallerija tal-Barrakka, kien hemm wisq iktar nies mis-soltu u ħafna minnhom dehru xi ftit eċitati wkoll.

L-attenzjoni tagħhom kienet iffukata fuq skuna ftit 'il barra mill-port li, minn bejn il-qlugħ minfuħ tagħha, deher ħiereġ ħafna duħħan sfieq. Kulħadd kien issummat iħares lejha taqbad waqt li kienet riesqa bil-mod il-mod lejn id-daħla tal-port. Kulħadd beda jitħassar lil dawk l-imsejknin baħrin maqbudin, litteralment, bejn in-nar u l-ilma.

Dak il-ħin, tfaċċa l-avukat Agius Mifsud li beda jipprova jersaq iktar 'il quddiem biex ikun jista' jara aħjar. Xħin rah, Wenzu għamillu sinjal b'rasu, għamillu l-wisgħa biex ikun jista' joqgħod maġenbu u l-avukat ried jaf x'kien qed jiġri.

"Imsieken il-baħrin li hemm maqbudin fuq dik l-iskuna, qed taqbad!" wieġbu Wenzu.

"Stenna ftit Wenz," qallu l-avukat, "ma naħsibx li hu hekk. Dak id-duħħan ġej mill-faħam jaqbad. Dik mhijiex skuna imma vapur li jimxi bl-għajnuna ta' magna li taħdem bil-qawwa tal-istim!"

"U le Sur Avukat," reġa' Wenzu; "kieku taħdem bil-magni, allura l-qlugħ għaliex miftuħ?"

"Dak biex ikompli jgħin fil-mixi," ipprova jispjegalu l-avukat. "Jien lest nilgħab imħatra għal żewġ xelini li hekk hu; kif qed ngħidlek jien!"

Wenzu qajla kien jaffordja jitlef żewġ xelini imma, tant ħassu konfidenti minn dak li kien qed jgħid li, bla ħsieb ta' xejn, ħareġ munita ta' żewġ xelini mill-but u, filwaqt li taha lill-avukat, qallu, "Issa tara kif għandi raġun!"

Ftit tal-ħin wara, l-iskuna daħlet il-port u kulħadd baqa' mnixxef. Wara l-ewwel arblu, tfaċċat ċumnija twila, irqiqa u sewda li, minnha, deher ħiereġ kwantità kbira ta' duħħan iswed. Barra minn hekk, fil-ġnub ta' din il-qoxra tal-baħar mhux tas-soltu, dehru żewġ roti kbar bil-pedali jduru u jqattru l-ilma. Wenzu waqa' fil-muta; ma fetaħx ħalqu; induna li l-avukat kellu raġun! Kien il-jum tat-3 ta' Lulju tal-1825 u din kienet l-ewwel darba li vapur jaħdem bl-istim daħal fil-portijiet tagħna.

Jumejn wara, is-Sinjura Anġelika, flimkien mas-serva tagħha, marret tixtri l-ħaxix u l-frott mingħand Wenzu. L-ewwel ħaġa li għamlet malli waslet kienet li qabdet żewġ xelini, newlithom lil Wenzu u qaltlu, "L-avukat bagħatlek dawn. Qalli li kellu jagħtihomlok!"

Għax kien jaf jaqra, l-avukat Agius Mifsud kien jaf b'vapuri ta' dan it-tip waqt li nies bħal Wenzu qatt ma kienu għadhom semgħu bih. Filwaqt li rringrazzja lis-Sinjura Anġelika, Wenzu għażel l-iktar ħaxix frisk u l-isbaħ frott u poġġihom fil-ġewlaq tas-serva li kellha magħha.

Dak kien żmien meta l-kelma 'ġentlomerija' kienet għadha tfisser xi ħaġa għal ħafna iktar nies milli tfisser illum!

# U issa?

*Karmenu Mallia*

Qed idoqq l-arloġġ tal-knisja
bejn kampnari paċenzjużi;
il-kennies għaddej inaddaf
taħt għajnejn kemxejn kurjużi.
X'dinja din! Ma tifhem xejn!
tifhem? Kif? U mnejn sa fejn?

Tal-ħaxix jiżen u jkejjel
b'nisa għajjenin, anzjużi;
il-lariġ u dak il-lumi
jħarsu lejk meraviljużi.
Min isajjar ikel bnin
u min jiekol biss għaġin.

Dak il-ħmar, miskin, iddejjaq
bid-dubbien nofshom burużi.
Isa, id-dar qed jistennewni
tal-pitazz dawk il-fillieri
fejn, bħal ilma ġieri, paġni
sħaħ jimtlew,
fejn jehdew
il-karattri
li jiddejqu diġà bdew.
Fejhom issa?

# Il-Liżar ta' Turin – It-tmien u l-aħħar parti

*Kitba ta' Anthony Cardona*

**Ir-riċerka xjentifika tkompli**

Fl-2015, Gianni Baraccia, professur tal-ġenetika fl-Università ta' Padova, flimkien mat-tim tiegħu analizzaw kampjuni ta' trab meħud mil-Liżar. Huma sabu li fihom hemm traċċi ta' *DNA* ta' pjanti u ta' *DNA* uman. Huwa fired id-*DNA* uman minn dik tal-pjanti u qiegħed id-*DNA* uman f'sekwenza biex jara liema huma dawk l-elementi li jikkomponu d-*DNA* li jinsab fuq il-Liżar. Huwa sab li l-Liżar missew miegħu nies mill-Afrika ta' Fuq, mill-Afrika tal-Lvant u miċ-Ċina. Anki d-*DNA* tal-pjanti wera li kienu pjanti Mediterranji fosthom, is-silla, is-siġar tal-prinjol, u l-għajnbaqar. Baraccia sab li d-*DNA* predominanti fuq il-Liżar oriġina mil-Lvant Nofsani.

Id-*Deoxyribonucleic Acid*, jew aħjar id-*DNA*, jikkodifika l-informazzjoni importanti għar-rikostruzzjoni tal-ħlejjaq ħajjin kollha, ibda mill-iċken batterji sal-bniedem. Id-*DNA* jikkonsisti minn erba' bażijiet li huma ssimbolizzati mill-ittri A,T,Ċ,Ġ. Dawn l-erba' bażijiet iservu ta' pedament li, fuqu, jinbena d-*DNA*. Bl-arranġament ta' dawn l-ittri, tista' tiġi ddeterminata l-identità u l-funzjoni tar-reġjuni speċifiċi tad-*DNA*. Biex naghti eżempju, bħalma l-ittri tal-alfabett jistgħu jiġu rranġati fi kliem li mbagħad jingħaqdu f'sentenzi li jagħmlu sens, hekk ukoll, bl-arranġament ta' dawn l-erba' ittri, jitnisslu s-sekwenzi li jikkodifikaw sett ta' struzzjonijiet. Pereżempju, is-sekwenza TTĠĠĊĊAT ikollha struzzjonijiet differenti mis-sekwenza ATĊĊTTĠĠ. Hemm żewġ tipi ta' sekwenzi tad-*DNA*: il-ġeni jew, aħjar, dik il-parti li tintired minn ċellula li tiddetermina l-karatteristiċi fiżiċi, it-tkabbir u l-iżvilupp ta' kull ħaġa ħajja u li tikkodifika l-prodotti speċifiċi meħtieġa għall-funzjonijiet ċellulari; u, is-segmenti mhux kodifikanti li jinsabu bejn il-ġeni u li ma jikkodifikawx prodotti speċifiċi. Dawn it-tnejn flimkien jirrappreżentaw sett ta' struzzjonijiet meħtieġa biex jinħoloq u jiffunzjona kwalunkwe organiżmu ħaj. Il-programm ġenetiku jissejjaħ ġenomu.




Fl-2003, ix-xjenzati rnexxielhom jistabbilixxu s-sekwenza sħiħa tal-ġenomu uman u nstab li d-*DNA* uman fih bejn għoxrin u tletin elf ġenu. B'hekk, setgħu jaraw il-mappa ġenetika sħiħa. Però, il-ġeni jammontaw għal tnejn fil-mija biss tad-*DNA*. It-tmienja u disgħin fil-mija l-oħra jikkonsistu f'sekwenzi mhux kodifikanti. Fiċ-ċellula, il-ġeni u s-sekwenzi mhux kodifikanti jeżistu flimkien f'kurduni li jduru ma' xulxin, bħal spiral (qishom sellum mgħawweġ) li fih madwar tliet biljun par ta' bażijiet. Il-biċċa l-kbira tad-*DNA* huwa l-istess fil-bnedmin kollha imma mbagħad hemm dawk it-tnejn fil-mija li huma uniċi u speċifiċi għal bniedem wieħed biss; sakemm ma jkunux tewmin identiċi. In-nukleu tad-*DNA* fih tlieta u għoxrin par ta' kromożomi li qegħdin ġo nukleu wieħed ta' ċellula. Ċellula waħda jista' jkollha mijiet ta' eluf ta' mitokondriji, jiġifieri dawk l-istrutturi żgħar ħafna fiċ-ċitoplażmu taċ-ċellula li jipproduċu l-enżemi għall-produzzjoni tal-enerġija u għar-respirazzjoni biex isseħħ id-diviżjoni ta' ċellula li tagħti żewġ ċelluli bl-istess numru ta' kromożomi u tal-istess tip bħan-nukleu tal-ġenituri.

Mill-kampjuni tad-*DNA* uman li ttieħdu mil-Liżar s'issa, għadu ma ngħatax riżultat definittiv għax għadu ma ġiex determinat jekk dan id-*DNA* oriġinax miċ-ċelluli tad-demm li hemm fuq il-Liżar jew inkella mill-kontaminazzjoni ta' sorsi oħrajn. Fis-snin disgħin, it-test tad-*DNA* li sar mit-tim ta' Dr. Leoncio Garza-Valdes, pedjatra minn San Antonio, Texas, ħareġ li t-tliet segmenti ta' ġeni umani li ttieħdu minn naħa tax-xellug tar-ras juru li huma ta' raġel uman. Garza-Valdes skopra wkoll li l-batterji li nstabu fil-kampjun jipproduċu kisja organika fuq it-tessuti antiki u dan seta' fixkel il-proċess tal-*carbon 14 testing*. Dan juri li l-Liżar huwa iktar antik mill-Medjuwevu u mhux kif kienu qalu fl-1988. Minn dawn il-batterji, Garza-Valdes sab anki traċċi ta' ħall. Tgħid dawn huma traċċi tal-ħall li sqew lil Ġesù qabel miet? Ma nafx! Li naf żgur hu li hemm wisq kumbinazzjonijiet biex il-Liżar ta' Turin ma jkunx il-kefen ta' Kristu.

**Għeluq**

Meta fl-1995, Canale u t-tim tiegħu studjaw kampjuni mill-qiegħ tar-riġlejn, instab li kien hemm kontaminazzjoni minn *DNA* ta' nies li missew mal-

Liżar. Dan juri li għad irid jiġi stabbilit jekk, fuq il-Liżar, jinstabx *DNA* ta' ċellula tad-demm li mhijiex kontaminata minn sorsi oħrajn. Wara l-esperimenti u l-istudji kollha li saru mill-1976 'l hawn u li minnhom qed insemmi ftit biss, ir-riċerka xjentifika għadha ma waqfitx. It-test tal-*carbon 14* tal-1988 mhux ta' min jorbot fuqu għax il-kampjun li kien ittieħed mil-Liżar kien minn parti viċin wisq ta' fejn kien ġarrab il-ħsara fin-nar ta' Chambery. Anki t-testijiet tad-*DNA* għadhom ma qalux l-aħħar kelma minħabba l-fatt li r-riżultati wrew li l-Liżar fih ħafna kontaminazzjoni minn nies li messew miegħu. Min jaf kemm għad iridu jsiru riċerki oħrajn biex, naqra naqra, tiġi stabbilita l-verità kollha. Imma llum ix-xjenza moderna tagħraf li l-Liżar ta' Turin mhuwiex falz imma huwa tassew il-kefen li fih kien imkebbeb il-ġisem mejjet ta' bniedem li, elfejn sena ilu, bata l-kruċifissjoni taħt idejn ir-Rumani. Jekk huwiex ta' Ġesù Kristu għad irid jiġi stabbilit. Ix-xebh straordinarju ta' bejn ir-rakkonti tal-passjoni li hemm fl-Evanġelji u l-impronti li hemm fuq il-Liżar, kollha jindikaw li huwa awtentiku, jiġifieri li l-Liżar ta' Turin huwa l-kefen ta' Sidna Ġesù Kristu li bata u miet għalina biex jifdina u jsalvana.

---

# Santa Marija Goretti

***Kitba ta' Fr Charles Buttigieg***




Santa Marija Goretti twieldet fis-16 t'Ottubru tal-1890 ġewwa Corinaldo, qrib Ancona, fl-Italja. Missierha kien jismu Luigi u ommha Assunta. Kienet it-tielet wild minn seba' wlied tal-familja Goretti. Fl-1896, minħabba l-faqar, il-familja niżlet qrib Frosinone, fil-Lazio, għall-ħajja aħjar u, fl-1899, il-familja tagħha marret taħdem ġewwa Nettuno għal wieħed konti li kellu ħafna għelieqi. Il-familja Serenelli ngħaqdet ukoll mal-familja Goretti fil-ħidma ta' dawn l-għelieqi tal-konti.

Missier Marija miet bil-malarja meta hija kellha madwar disa' snin. Ħafna drabi, hija kienet tagħmel ħafna mix-xogħol tad-dar u tieħu ħsieb lil oħtha ż-żgħira billi ommha u ħutha kellhom imorru jaħdmu fl-għelieqi. It-tifel tal-familja Serenelli, Alessandro, beda jittanta lil Marija meta kellha ħdax-il sena u beda jistedinha għad-dnub. Hija dejjem irnexxielha tirbaħ it-tentazzjonijiet tiegħu minkejja li qatt ma qalet xejn lil ommha dwar dan l-abbuż li kienet qiegħda ġġarrab. Imma, fil-5 ta' Lulju tal-1902, għal xi t-tlieta ta' waranofsinhar, Alessandro Serenelli, ta' għoxrin sena, kaxkar lil Marija fil-kamra tas-sodda. Imma Marija rreżistiet kemm felħet u bdiet tgħajjat biex tipproteġi s-safa' tagħha u tgħidlu li dak li kien ser jagħmel huwa dnub mejjet li Alla ma jridx. B'rabja kbira għax ma ħax dak li ried mingħand Marija, Alessandro beda jagħtiha daqqiet bis-sikkina fejn ġie ġie. Lil Marija ħaduha l-isptar, f'Nettuno, fuq karru biż-żiemel. Mingħajr l-oppju, għamlulha intervent li dam għoxrin siegħa imma kien kollu għalxejn għax Marija Goretti mietet l-għada, is-6 ta' Lulju 1902. Qabel mietet, Marija ħafret lil Alessandro.

Il-qattiel tagħha kien ikkundannat għal tletin sena ħabs b'xogħol iebes. Wara sitt snin il-ħabs, Alessandro kellu dehra minn Marija Goretti li fiha qaltlu li hija kienet il-Ġenna u ispiratu biex jibdel ħajtu u jerġa' jikseb il-paċi. Meta ħareġ mill-ħabs, Alessandro mar iżur lil omm Marija u talabha maħfra u hi ħafritlu. Huwa talab ukoll maħfra lil Alla fil-parroċċa tiegħu. Wara, daħal jaħdem fil-ġnien tal-kunvent tal-patrijiet Kapuċċini fil-Marche u beda jgħix ħajja ta' konverżjoni u ta' talb fl-ispirtu Franġiskan kapuċċin.

Marija Goretti saret beata fis-27 t'April tal-1947, fil-preżenza t'ommha, u kienet dikjarata qaddisa fl-24 ta' Ġunju tal-1950, mill-Papa Piju XII, quddiem folla ta' nofs miljun ruħ fi Pjazza San Pietru. Preżenti, kien hemm ukoll ommha Assunta u Alessandro Serenelli. Alessandro miet fl-1970 fl-età ta' disgħa u tmenin sena, jiġifieri tmienja u sittin sena wara li kien qatel lil Marija. Fl-1961, Alessandro kiteb li dak li kien għamel kien orribbli immens u wissa liż-żgħażagħ biex jgħixu ħajja nadifa. Huwa qal ukoll li, fil-ħabs, dejjem ħass lil din il-qaddisa verġni u martri tikkonslah u taħfirlu. Santa Marija Goretti hija midfuna u meqjuma fil-Bażilika ta' Nettuno, fin-naħa t'isfel ta' Ruma. Hija l-patruna tat-tfajliet, ta' dawk li huma abbużati u tal-vittmi tal-kriminalità. Il-festa tagħha ssir fis-6 ta' Lulju.



# Il-Kunsillier

***Storja ta' Anthony Said mill-Furjana***

Il-Kunsillier Jacob Borg Vella kien bniedem tassew arroganti! Ħafna kienu jgħidu hekk fuqu imma, fl-istess ħin, kienet din l-istess arroganza flimkien mal-wiċċ sfieq tiegħu li, ta' tlieta u għoxrin sena, kien elett bħala wieħed mill-iżgħar kunsilliera li qatt kellu r-raħal. It-toroq kienu r-responsabbiltà tiegħu u rnexxielu jagħmel ħafna xogħlijiet li kien ilhom biex isiru. Imma mhux kullħadd kien kuntent bil-mod kif bidel is-sistema u d-direzzjoni tat-traffiku.

"Sur Kunsillier, it-triq fejn noqgħod jien ġiet *one way* bil-kontra u, issa, għandi dawra ġmielha biex immur mid-dar sal-għalqa bil-vann biex niġbor il-patata," ilmenta Manwel Debrincat, bidwi anzjan li qam jitkellem.

"Għandek raġun!" wieġeb il-Kunsillier b'leħen ta' żufjett, "Sakemm tasal, il-patata tilħaq titnawwar, hux?" Kien hemm min tbissem u kien hemm min qarras wiċċu u, kif reġa' waqa' s-skiet, bid-daħqa, Jacob kompla jgħid: "Ħeqq, il-Kunsill ma jistax jakkomoda lil kulħadd. Ħafna nies talbuna biex dik it-triq tiġi f'direzzjoni opposta u aħna hekk għamilna. Il-maġġoranza tirbaħ, mhux hekk?"

"Jew għax int tasal aktar malajr għat-triq ewlenija?" staqsa Manwel bla tlaqliq. It-tbissima fuq wiċċ il-Kunsillier għebet.

"Hemm aktar mistoqsijiet?" għajjat Jacob waqt li tefa' ħarsa ta' qilla lejn l-anzjan. "Mela l-laqgħa hija aġġornata *sine die*!"

Manwel ħaseb biex imur lura lejn ir-razzett. Kif ħareġ mill-bieb, sab lil Jacob ma' wiċċu, ipejjep sigarett bil-ħatfa u jħares lejh biċċiera. "Ara x'qed ngħidlek Manwel," qallu l-Kunsillier b'wiċċu aħmar nar filwaqt li beda jxejjer sebgħu l-werrej f'għajnejn il-bidwi, "ara ma terġax takkużani quddiem in-nies li jien napprofitta ruħi fl-immaniġġjar tat-toroq għax inħarrkek ta' malafama u nirbaħlek balla flus!"

"Malafama xejn," wieġbu l-anzjan bla biża', "jien naf x'qed ngħid!"

"Ismagħni, ja żmagat," reġa' l-Kunsillier, "int għadek ma tafx sa fejn nista' nasal jien!" qallu Jacob bi snienu mħeżża u b'għajnejh itajru x-xrar.

"Naf sa fejn tasal," irrispondieh Manwel bil-kalma kollha, "imma xorta ma nipprendikx! Issa, żulli minn nofs ħa ngħaddi għax jien ikolli x'nagħmel, mhux niġri 'l hawn u 'l hinn bil-bagalja, bħalek!"

Il-Kunsillier ħa għalih bl-ikrah u tmasħan għall-anzjan waħda sew. Kif Manwel għadda minn maġenbu, ħareġ riġlu u pprova jagħtih gambetta imma l-bidwi kellu riġlejh aktar sodi u, b'mossa waħda, għolla sieq Jacob 'il fuq u dak waqa' lura u nstabat bilqiegħda fl-art bil-bagalja b'kollox. Xi nies li kienu għadhom fil-qrib waqfu jħarsu u, minn taħt, tgħidx kemm daħku jaraw lill-Kunsillier jitmiegħek mal-art, indannat u b'wiċċu qisu ta' skorfna. Manwel, bil-kalma kollha, daħal fil-vann u saq bil-kwiet lejn l-għelieqi tiegħu.

Għaddiet ġimgħa. Manwel kien nesa dak l-episodju imma, mid-dehra, ħaddieħor ma kienx nesieh għax, jum fost l-oħrajn, ġew żewġ pulizija u wieħed minnhom qallu: "Għandna rapport li hawnhekk qed titkabbar il-kannabis. Se jkollna nagħmlu spezzjoni ma' kullimkien, Sur Debrincat!"

Manwel inħasad għax, fil-fatt, veru kellu żewġ pjanti tal-ħaxixa imma ma setax jifhem kif il-pulizija saru jafu bihom. Bilfors li kien hemm min għandu għalih u kien qed jilħaqlu salibu. Kellu żewġt iqsari fil-bitħa imma dawn kienu biss għal skop ornamentali u xejn iżjed. Żammhom għax il-weraq tagħhom tassew sbieħ u lilu tant jogħġbuh. Mill-bqija, Manwel ma kellu ebda użu ieħor għalihom. Imma l-pulizija ma ridux jafu b'dan kollu. Ladarba sabu l-evidenza, ħadu r-ritratti, għamlu rapport, ikkonfiskaw, saret it-taħrika u l-anzjan kellu jidher quddiem il-maġistrat akkużat bit-tkabbir u l-pussess tal-ħaxixa mingħajr permess. Manwel ħassu ser jiġġennen. Mar għand avukat u dan aktar kompla jimlielu rasu. Kellu jmur ukoll għand it-tabib għax qabdu t-tferfir u l-ħruq ta' stonku u beda jieħu l-pilloli kontra l-aċidu li bihom spiċċa jorqod veru ftit u b'mod l-iktar ħafif.

Minħabba n-nuqqas ta' rqad kif ukoll biex iderri, beda joħroġ il-kelba anki f'nofs ta' lejl. F'waħda minn dawn il-ħarġiet, ra xi ħaġa li skantatu. Id-dar tal-Kunsillier Borg Vella kienet ftit 'l isfel minn tiegħu u, dak il-ħin, hemmhekk kienet għaddejja attività mhux tas-soltu. Manwel staħba mal-ġenb ta' għorfa u qagħad iħares. Beda jittama li l-kelba ma titniffisx u tikxfu. Minn fejn kien, seta' jara l-garaxx ta' mad-dar. Ra tnejn minn nies li għarafhom. Wieħed kien Jacob, il-Kunsillier stess, u l-ieħor kien ra r-ritratt tiegħu fl-aħbarijiet għax kien persuna mfittxa mill-pulizija dwar traffikar tad-droga. Bejn l-irġiel, għaddew xi pakketti u, għalkemm ma setax jara x'kien fihom, Manwel seta jobsor. Stenna sakemm wieħed startja l-karozza u telaq u l-ieħor għalaq il-bieb tal-garaxx. Imbagħad, Manwel inqala' minn fejn kien u lebbet lura lejn id-dar, beżgħan li ma jmurx jarah xi ħadd.

Ftit tal-jiem wara, reġa' kien hemm laqgħa oħra tal-Kunsill. Manwel ried jattendi. Imma, qabel, kellu biċċa xogħol żgħira x'jagħmel. Qabad sellum minn post li kien għadu qed jinbena fil-qrib u poġġieh mal-ħajt tal-bitħa tad-dar tal-Kunsillier. Imbagħad, mar il-Kunsill. Imma, fit-triq, waqaf iċempel lill-pulizija. Irraporta serqa minn dar privata; il-ħallelin daħlu mill-għelieqi ta' wara. Talbuh l-indirizz u tahulhom. Għaxar minuti wara, Surġent u erba' pulizija waqfu quddiem id-dar tal-Kunsillier. Daru dawra magħha u, fuq wara, fejn hemm il-bitħa, lemħu s-sellum u, allura, kellhom jidħlu biex jinvestigaw x'qed jiġri. Ħallelin ma sabux imma sabu affarijiet oħra; aktar interessanti!

Fl-istess ħin, fis-sala tal-Kunsill kienet għaddejja l-laqgħa. Kienu qed jiddiskutu dwar il-ġbir tal-iskart. Il-laqgħa kienet movimentata mhux ħażin; kullħadd jitkellem u jgħid tiegħu mingħajr ma jisma' dak li qed jgħid ħaddieħor. F'ħin minnhom, waqa' s-skiet hekk kif tliet pulizija daħlu fis-sala u baqgħu sejrin dritt lejn

il-mejda tal-Membri tal-Kunsill.

"Sur Jacob Borg Vella," qal wieħed minnhom, "għandna ordni biex noħduk il-Kwartieri Ġenerali għall-interrogazzjoni! Inwissik li inti qed tiġi akkużat bil-pussess u ttraffikar ta' sustanzi illegali. Inti għandek id-dritt li ma titkellimx imma, jekk tagħżel li titkellem, dak kollu li tgħid jista' jintuża kontra tiegħek fil-Qorti!"

Il-Kunsillier kien ser jibda jgħid xi ħaġa imma, minflok, intelaq fuq is-siġġu, baxxa rasu u ma qal xejn. Żewġ kuntistabbli mmanettjawh, eskortawh sal-karozza tal-pulizija, ħaduh magħhom u qafluh ġo ċella fid-*Depot* tal-Furjana fejn inżamm għal aktar interrogazzjoni.

U hekk intemmet ħesrem, u b'mod l-iktar żgradevoli, il-karriera qasira imma intensiva tas-Sur Jacob Borg Vella, Kunsillier tal-Gvern Lokali!

---

# *Maltese* gemgem

***Kitba ta' Carmen Dimech***



Jekk wieħed joqgħod jirrifletti ftit, ma jdumx ma jirrealizza kemm, għall-inqas, ħdejn pajjiżi oħra, hawn Malta għandna servizzi soċjali relattivament tajbin u li huma offruti mill-istat; ejja ma ngħidux b'xejn għax, fil-fatt, xejn mhu b'xejn, imma mingħajr ħlas dirett mill-konsumatur. Għandna sistema ta' edukazzjoni b'xejn għal kulħadd, għandna servizz tas-saħħa mingħajr ħlas għaċ-ċittadini eliġibbli kollha, għandna provista ta' akkomodazzjoni soċjali ssussidjata bi prezzijiet kważi redikoli għaż-żminijiet tal-lum, għandna trasport b'xejn għal kulħadd flimkien ma għadd ġmielu ta' benefiċji oħrajn li, minnhom, igawdu dawk li l-aktar għandhom bżonn.

Ngħiduha kif inhi. Ħafna drabi, stat jagħmel dan anki bħala inċentiva biex iħajjar iktar nies jieħdu vantaġġ minn dawn is-servizzi għax hekk jaqbel lis-soċjetà kollha kemm hi. Pereżempju, jaqblilna li jkollna tfal edukati, ċivili, dixxiplinati, maturi u mgħallmin l-iskola, il-ħiliet u s-snajja' għax, meta jikbru, jkunu f'pożizzjoni aħjar biex jgħinu l-ekonomija tkompli tikber. Jaqblilna nieħdu ħsieb sewwa ta' saħħitna għax, jekk ma nagħmlux hekk, l-ispiża għall-kura tas-saħħa iktar 'il quddiem tkun ferm ogħla, speċjalment illum, meta l-bniedem qed jgħix iktar fit-tul. Jaqblilna wkoll li ninvestu fi proġetti kbar ta' infrastruttura u li noffru trasport b'xejn għal kulħadd għax, b'hekk, in-nies jitħajru jagħmlu inqas użu mill-vetturi privati tagħhom bir-riżultat li jkollna inqas konġestjoni fit-toroq, inqas tniġġis, inqas telf ta' ħin fi vjaġġi minn post għall-ieħor u inqas telfien tal-paċenzja kollettiva bil-konsegwenzi kollha li ġġib magħha.

Imma, minkejja dan kollu, xorta tibqa' ssib min igerger u, forsi, bir-raġun ukoll għax dejjem tista' tagħmel iktar u aħjar. Jien mhux fin-natura tiegħi li ngerger imma ġieli għamilt eċċezzjoni u ngħaqadt fil-kor, mhux biex ingerger imma bil-ħsieb li nagħmel suġġeriment li jkompli jtejjeb il-kwalità tal-ħajja tagħna l-anzjani.  Isiru ħafna sforzi biex, kemm jista' jkun, l-anzjani jibqgħu jgħixu fil-kommunità, fi djarhom stess u f'dak l-ambjent li, għal ħafna snin, ikunu għexu fih. Imma dan, minnu nnifsu, jista' joħloq sfidi ġodda.

Bħal f'ħafna rħula oħrajn, fil-qalba ta' Ħaż Żebbuġ, fejn noqgħod jien, issib il-knisja parrokkjali, il-pjazza, il-monti, l-uffiċju tas-sigurtà soċjali, il-banek, il-każini, il-posta, l-ispiżerija, il-ħwienet tat-te u, naturalment, it-*terminus* tal-karozzi tal-linja. Fl-istess ħin, ukoll bħal ħafna rħula oħrajn, Ħaż Żebbuġ, illum kważi ttrippla fid-daqs u min, bħali, joqgħod 'l isfel wisq miċ-ċentru, jispiċċa kważi kkalzrat ġo daru u ma jistax joħroġ. Anki min, bħali, għandu karozza xorta waħda jsib diffikultà biex jaqlagħha għax jew ma jsibx fejn jipparkjaha jew jissogra li jdabbar xi ċitazzjoni.

Nies bħal dawn ikollhom jiddependu fuq qrabathom jew fuq ħbiebhom għal dak kollu li jkollhom bżonn. Imma kemm iddum tqabbad? Tħossok tistħi għax kulħadd imħabbat bix-xogħol u kulħadd għandu l-familja. Darba tqabbad, darbtejn ukoll imma, iktar minn hekk, wiċċek ma jagħtikx.

F'madwar tużżana bliet u rħula Maltin, kien diġà jeżisti servizz ta' trasport b'vetturi żgħar elettriċi li jċċemplilhom u jwassluk mid-dar saċ-ċentru tar-raħal imbagħad, iktar tard, minn hemm lura d-dar. Imma dan ma ssibux kullimkien. Ħaż Żebbuġ, pereżempju, ma kellniex das-servizz dak iż-żmien li dħalt fil-kor ta' *Maltese* gemgem. Kont naf li, ħaġa bħal din, irid ikun il-gvern ċentrali li jkollu jidħol għaliha għax, għalkemm ma tqumx il-miljuni, il-Kunsill Lokali jgħidlek li m'għandux flus biżżejjed biex jagħmilha għax, kif diġà għidt iktar qabel, xejn mhu b'xejn u kollox għandu prezz. Fl-istess ħin, ħsibt li jkun tajjeb jekk dan is-servizz ikun estiż għall-ibliet u l-irħula kollha ta' Malta u Għawdex u jien inkun l-ewwel waħda li nnaqqas karozza mit-triq u nużah. U, bħali, ħafna u ħafna oħrajn; u mhux bilfors anzjani.

B'sodisafazzjon ngħidilkom li l-*Maltese* gemgem tiegħi ma waqax fuq widnejn torox; sewa għal xi ħaġa għax dan is-servizz issa qed jiġi pprovdut ġewwa Ħaż Żebbuġ ukoll. Filwaqt li nirringrazzja lil min ta widen għall-ilment tiegħi u lil kull min ħadem biex is-suġġeriment tiegħi ikun attwat, nawgura li l-istess servizz ikompli jiġi estiż f'iktar bliet u rħula għall-benefiċċju tal-anzjani kollha Maltin u Għawdxin.

# Tamara

***Novella ta'Lina Brockdorff***



Jackie u Marco kien ilhom miżżewġin sitt snin, dejjem jistennew li ser ikollhom it-tfal imma t-tfal baqgħu ma ġewx. Ħabtu ser jaqgħu fi swied ta' qalb kbir meta ħabib beda jħajjarhom jaddottaw tarbija. Għall-ewwel, ma ridux jisimgħu b'din l-idea imma, bil-mod il-mod, bdew jitħajru u jinteressaw ruħhom. Fuq kollox, ma kien hemm ebda soluzzjoni oħra.

Meta nduna li qed jaħsbuha bis-serjetà, dan l-istess ħabib kompla jgħidilhom li mhux bilfors jaddottaw tarbija minn Malta. Id-dinja kbira tant! Saħansitra semmilhom xi koppji li, ftit qabel, marru l-Indja u addottaw tarbija minn hemm u, illum, tgħidx kemm huma ferħanin.

Fl-aħħar, Jackie u Marco qatgħuha li jibdew il-proċess biex jaddottaw tarbija mill-Indja. Setgħu jippruvaw jaddottaw tarbija minn xi orfanatrofju hawn Malta imma qalu li dejjem kien hemm ir-riskju li, wara li ssir tħobbha, tiġi ommha u tkun tridha lura. Stejjer li ġraw dawn. Ma xtaqux jgħaddu minn esperjenza ta' qsim il-qalb bħal din. Aħjar jekk iġibu tarbija mill-Indja li, it-tnejn li huma, xtaqu li tkun tifla.

Wara bosta xhur, fl-aħħar bdew jaraw il-ħolma tagħhom issir realtà. Kienu f'orfanatrofju f'Kalkutta fejn kien hemm bosta trabi minn fejn jagħżlu. Għażlu waħda li kellha kważi sentejn, jisimha Tamara. Ma xtaqux jieħdu tarbija żgħira ħafna, waħda ta' ftit jiem, u lanqas waħda akbar minn sentejn għax trid iżżomm f'rasek li din trid tgħallimha mill-anqas żewġ ilsna, il-Malti u l-Ingliż.

It-tifla dehret li kienet ta' karattru kalm u dejjem bi tbissima fuq fommha. Madankollu, meta waslu Malta, xorta ż-żgħira bdiet tara kollox stramb, u ma tgħatihiex tort. Biżżejjed tisma' dik il-geġwiġija ta' kliem bil-Malti li minnhom ma setgħet tifhem xejn. Spiċċat it-tbissima minn fuq fomm Tamara u erħilha tibki u tingħi lejl u nhar. Jackie u Marco din ma kinux qed jistennewha. Għamlu minn kollox biex jippruvaw jifhmu x'kien jonqosha. Erħilhom juruha l-flixkun tal-ħalib, il-ħobż, il-frott u l-ħelu. Kollu ta' xejn.

Imma, bil-mod il-mod, Tamara bdiet taċċetta s-sitwazzjoni l-ġdida li sabet ruħha fiha u l-biki beda jnaqqas. Bdiet ukoll titgħallem xi kliem ħafif bil-Malti u, hekk, l-affarijiet bdew jirranġaw u t-tbissima reġgħet feġġet fuq wiċċ Tamara. Tgħidx x'kellhom biha Jackie u Marco! Minn kmieni, bdew jibagħtuha l-*kindergarden* u, naturalment, wara, skola elementari u sekondarja. Anki l-klassijiet tad-duttrina kienet tmur u għamlet l-Ewwel Tqarbina u l-Griżma tal-Isqof ukoll.

Tgħallmet titkellem sew bil-Malti u bl-Ingliż waqt li kellha l-Franċiż bħala lsien barrani ieħor. Madankollu, darba minnhom, minkejja li qatt ma ħbewlha l-istorja tal-addozzjoni tagħha, Tamara xxukkjat lil Jackie u lil Marco meta wriethom bix-xewqa li titgħallem l-Indjan; speċjalment id-djalett li jitkellmu bih in-nies ta' Kalkutta. Kienet sinċiera magħhom u qaltilhom mill-ewwel li, meta tikber, xtaqet iżżur il-pajjiż fejn kienet twieldet. Fuq kollox, hija ħaġa naturali li kull bniedem iħoss dik ir-rabta mal-pajjiż fejn ikun twieled. Ma kinitx ħaġa ħafifa biex sabulha għalliem tal-Indjan u ta' dan it-tifla kienet rikonoxxenti ħafna lejhom.

Tamara kienet tattendi grupp ta' talb li darba ħolmu li jmorru jqattgħu tliet xhur Kalkutta jagħmlu xogħol ta' karità. It-tfajla bilkemm riedet temmen li, sa fl-aħħar, il-ħolma tagħha kienet ser isseħħ. Kellhom jitilqu fl-ewwel ta' Lulju u jiġu lura fl-aħħar ta' Settembru.

Meta Tamara kienet l-Indja, Jackie u Marco kellhom il-biża' li t-tfajla tibqa' hemm u ma tiġi qatt lura iżjed. Kienet tibgħatilhom kartolina kull ġimgħa u tgħidilhom kemm kienet kuntenta u li xtaqet li dawk it-tliet xhur ma jgħaddu qatt. Jaħasra, kienu saru jħobbuha tant! Fl-istess ħin, Tamara kellha qrib it-tmintax-il sena u żgur li huma ma kellhom ebda dritt li jġibuha lura Malta kontra qalbha.

Għal dik il-koppja, dawk it-tliet xhur kienu qishom eternità. Mhux biss kienu jgħoddu kull jum li jgħaddi imma, tista' tgħid, kull siegħa wkoll. It-tnejn kienu mwerwrin minn dak il-mument meta kellhom imorru jiltaqgħu mal-grupp ġej lura mill-Indja għax kienu kważi żguri li Tamara ma kinitx ser tkun magħhom.

Intant, fl-aħħar jum ta' Settembru, waranofsinhar, Jackie u Marco marru l-ajruport b'qalbhom ittaqtaq. Madankollu, bilkemm riedu jemmnu lil għajnejhom xħin lemħu lil Tamara mal-grupp. It-tnejn laqgħuha bid-dmugħ iċarċar ma' wiċċhom. Bilkemm felħu jiftħu fommhom biex juruha l-ferħ tagħhom.

Lura d-dar, tgħidx kemm kellha x'tgħidilhom Tamara! Fuq kollox, qaltilhom li huma kienu ġenerużi żżejjed magħha meta afdawha tmur lura Kalkutta. Possibbli, ma beżgħux li setgħet tibqa' hemm?

Il-ġenituri tbissmu bla ma qalu kelma waħda biss. Mur għidilha kif għaddewhom dawk it-tliet xhur! Tamara ma kienet tiddejjaq qatt tirrakkonta dwar l-Indja u, darba fost l-oħrajn, qaltilhom li kellha xewqa waħda biss. Jackie u Marco ħasbu li din kienet ser tkun l-aħħar bomba u li ser tgħidilhom li trid tmur lura l-Indja għalkollox. Imma ħasbu ħażin. "Jekk hu possibbli," qaltilhom, "nixtieq li intom, li tant ħabbejtu lili, taddottaw ukoll lil oħti ż-żgħira biex, hekk, jien inkun nista' naqsam magħha din ix-xorti tajba li messet lili!"

# The mobile

***A story by Liz Bajada***



Rose had been widowed for the past four years. Her two children had flown the nest. It was very sad for her to realise that, after such a busy life, a family and a small part time job, she was completely on her own. However, thanks to her mobile, an item purchased by her children who persuaded her that this was now a necessity, she kept in touch with old friends and even made new relationships. She enjoyed going out and, when possible, took part in the several activities that the village community organised.

It was quite a surprise when her old school friend, Irene, who lived in another village some fifty miles away, phoned her to let her know that her husband had passed away in a matter of days. Her own children had come down for the funeral and spent some days with her. However, they soon had to go back to their jobs and the house was empty again. "I am now a widow, like you Rose. How do you manage when your lifelong friend and partner leaves you?" Irene had to use a euphemism; she could not even utter the word 'dies'. Rose knew only too well how it felt. She had already been through all this. There was nothing to be said.

"Look here Irene," Rose said. "I will come down to you next Monday and we will spend some time together. I am sure that we will find plenty of things to do in the house and, if the weather permits, we can always go out for walks or join some of your friends for a bite."

So, as promised, the following Monday Rose took the bus to the station, boarded a train and, after two hours travelling, she got out and took a taxi to her friend's house. Irene was so thrilled to see her old school friend after all those years and was looking forward to renewing their friendship which, gradually, had dwindled down to the occasional birthday or Christmas Card.

Irene was thankful that Rose helped her in the various chores which needed to be done following the death of a beloved one. The day flew past and soon it was time for Rose to return home. Irene's neighbour, Charlie, kindly offered to drive Rose to the station. Goodbyes said, Irene went to the bedroom where Rose had slept and as she wanted to get busy, she started cleaning the room. While changing the bed sheets, she found Rose's mobile. As she very well knew how important the mobile was to Rose, she wanted to do her utmost to give It back to her before she boarded the train back home. Just then, she heard Charlie stop his car outside his house. She ran outside and briefly explained to him what had happened. "Don't worry," he replied, "I will phone Peter, the station master. He knows who Rose is as he saw me dropping her at the station." Immediately, Charlie phoned Peter and was soon driving down the road as fast as he could. Rose was standing outside waiting anxiously for him. However, before she could get back on the train, the station master blew the whistle and the train moved out of the station. She immediately realised that she had lost the last train home. She had no alternative but to return to her friend's house to spend the night there.

Irene was only too glad to see her friend again. "No problem. Surely one day will not make all the difference to you now, will it?" Together, they prepared a light supper and sat down at table to enjoy another evening together. Just then Rose's mobile started to ring. It was Lexy, her daughter. "Mum," she said, "are you okay?"

"Yes," replied Rose, "except that I have to spend another night with Irene as I missed the last train home."

"Well," said Lexy, "in that case, you'd better switch on the telly and listen to the news in order to know exactly what you actually missed."

The two women did as Rose's daughter had suggested. They were flabbergasted to learn that the train that Rose should have been on had been sabotaged. Someone had planted a bomb under one of its carriages and, when it got to the next station, the bomb went off. Quite a number of people were injured and a few even lost their lives.

As the saying goes, one can be saved by the bell. In Rose's case, she was certainly saved by the mobile.

# Is-Sur Zaum

***Anthony Borg***
***(Tifkiriet ta' meta kont naħdem il-Libja, fl-1989)***

Sur Zaum, kemm kont tfarraġni
kull filgħodu f'ħidmieti!

B'dik il-kelma, "Bonġu"
ferħan kont tagħmilni.

Il-ħidma tiegħi kienet li nħallas
lis-Sudanizi, Ganiżi u Marokkini.

Hawn, ftakart f'marti u f'ibni,
mili 'l bogħod minni.
Fihom dejjem moħħni.





# TISLIBA Nru.111

**Minn Albert Howard Madiona**

**Mimdudin:**
1. Bidel; Parat; Varja (6)
5. Plewrite; Riħ fil-għadam (6)
10. Stazzjon Televiżiv Taljan (3)
12. Isem ta' ħuta bħal cervjola/i (5)
14. Soċjeta' fin-negozju (5)
15. Isem ta' fjura jew ta' mara (4)
16. *Academy of Arts* (1.1)
17. Mogħti dota; Għandu d-dehen (5)
19. Stedina; Proposta (5)
22. Inkejjuż; Provokatur (8)
24. L-ewwel mara (3)
25. Reċipjenti għall-ikel (6)
28. Bandu; Proklama (5)
31. Raġel bl-għola nota fil-kant (5)
33. KonteNituri tal-likwidi (7)
35. Prużuntuż; Deffusi (5)
37. *British Institute* (1.1)
38. Parlar; Tpaċpiċ (6)
39. Unita' ta' flus fil-lvant Nofsani (5)

**Weqfin:**
2. Pretest, Difiża; Spjegazzjoni (5)
3. Ta' Jannar ibża minnu (4)
4. Resident; Min hu tal-lokal (7)
6. Nieqes mis-saħħa (5)
7. Sfaċċata; Tosta (6)
8. Reklami; Manifesti (6)
9. Ħadd ma jħobbhom fir-roti (6)
11. *American Institute of Architects* (1.1.1)
13. Diretturi ta' Universitajiet (7)
18. Saltna; Repubblika (4)
20. Toku; Li joqtol (7)
21. Il-kontra ta' le (3)
23. Li huma mill-Amerika (9)
26. Jagħmel azzjoni ħażina b'azzjoni tajba (6)
27. Konsegwenza; Impressjoni (6)
29. Grad inqas minn dak ta' kaptan (6)
30. regoli ta' soċjeta' (6)
32. Użanza; Ċerimonja; Ritwal (3)
34. Isem ta' Gżira tal-Mediterran (5)
36. Ħofra taħt id-driegħ tal-ġisem (3)

Premju: It-tislibiet tajbin li nirċievu bil-posta, sal-ewwel xahar minn meta joħroġ il-fuljett, jittellgħu bil-polza biex jingħata premju ta' €10.
Il-Premju għat-tisliba numru 111 intrebħet mis-Sinjura Rita Scicluna, Prosit!

---

**Soluzzjoni tat-tisliba tal-ħarġa numru 111**

**Mimdudin:** 1. grotta, 5. amalfi, 10. nar, 12. rigar, 14. nħawi, 15. renu, 16. ħħ, 17. ombra, 19. imita, 22. mdardrin, 24. nil, 25. intant, 28. mħara, 31. estru, 33. aċitajt, 35. travi, 37. on, 38. punent u 39. timor.
**Weqfin:** 2. ruman, 3. tonn, 4. abraham, 6. magro, 7. iżolat, 8. spirti, 9. friska, 11. aħħ, 13. rubrika,
18. sala, 20. innotat, 21. tit, 23. dumnikani, 26. tmenin, 27. nseraq, 29. arturo, 30. teptep, 32 usa, 34. amato u 36. vot.



# Żbalji postali

***Sensiela mal-Gozo Philatelic Society b'kitba ta' Antoine Vassallo***

Żbalji fil-bolli jistgħu jinqasmu f'żewġ tipi: difetti fid-disinn jew difetti fl-istampar. Bħala eżempji ta' dawn tal-aħħar, għandna dawn iż-żewġ bolol tal-Milied:




Fl-1972, l-Istati Uniti għażlu naħa li turi anġli minn pittura Marjana li llum tinsab fin-*National Gallery of Art* ta' Washington. Isem l-artist mhux magħruf imma l-istudjużi jassoċjawh ma' wieħed Olandiż, jew Fjamming, tas-seklu ħmistax. Problema fl-istampar wasslet biex il-kulur iswed jgħib minn bolla minnhom. Forsi mhux ta' min jistagħġeb li, kultant, ikun hemm xi kumplikazzjoni fost tant miljuni ta' bolli li joħorġu. Difett fl-iswed ġara wkoll il-Kanada fl-1969. Dan id-disinn gustuż juri tfal minn madwar id-dinja jitolbu li, minħabba dan l-iżball, sar bolla anonima u bla valur.







Nieħdu issa żewġ żbalji, biex ngħid hekk, papali li, fil-fatt, ma nafx jekk, propjament, humiex żelqiet tad-disinjatur jew le. Il-mewt tal-Papa Benedittu XVI fl-2022 kienet imfakkra minn diversi pajjiżi, fosthom, mill-Vatikan stess. Imma l-kitba fuq il-bolla tiddiskrivieh bħala Papa Emeritu. Ovvjament, dan mhux korrett għax, ma' mewtu, Benedittu daħal fil-lista normali tal-Papiet. It-titlu ta' Emeritu ddeskrivieh biss fil-ftit snin wara r-riżenja tiegħu. L-Italja kienet ser tagħmel l-istess żball imma, fl-aħħar ħin qabel ma d-disinn mar għall-istampar, inġibdet l-attenzjoni u l-iżball kien irranġat billi wrew id-dati tal-Papat Benedettin biss.







Fl-1965, Ir-repubblika Afrikana tal-Mali qabbdet lid-disinjatriċi mill-aktar popolari, Pierrette Lambert, biex tfakkar lill-Papa Ġwanni XXIII. Imma, hawnhekk, intweriet ċerta injoranza liturġika. Dan għax, filwaqt li huwa veru li, dak iż-żmien, il-Papa kien għadu juża t-trirenju minflok il-mitra, però, strettament, din ma kinitx tintlibes jekk il-Papa ma jkollu xejn iżjed fuq is-suttana bħal, ngħidu aħna, l-alba, il-pjaneta jew il-kappa.

U, la qegħdin f'dan il-pajjiż, nagħlaq billi nirreferi għal żball li ma tantx huwa viżibbli jekk ma tinġibitx l-attenzjoni ta' dak li jkun. Biex jikkommemora l-ħames anniversarju tal-ġrajja storika tal-ewwel inżul tal-bniedem fuq il-qamar fl-1969, bħala parti minn sett lunari, il-Mali ssoprastampaw din il-bolla li, oriġinarjament, iċċelebrat l-Apollo 14 tal-1971. Sfortunatament, id-data tal-inżul fuq il-qamar fl-1969 tidher ukoll bin-numru 6 rasu 'l isfel u, allura, ġie jaqra 99 minflok 69.



# Pitturi famużi

*Kitba ta' Vincent Piccinino*



**Paul Cézanne 1839 – 1906**

Paul Cézanne twieled f'*Aix-en-Provence*, fi Franza, fid-19 ta' Jannar 1839. Huwa kien pittur Impressjonist u post-Impressjonist li x-xogħlijiet tiegħu wittew it-triq għat-tranżizzjoni mill-kunċetti artistiċi tas-seklu dsatax għal dinja ta' arti moderna u iktar radikali tas-seklu għoxrin. Kemm Henri Matisse kif ukoll Pablo Picasso kienu jsostnu li Cézanne huwa, "missier tagħna lkoll."



Missieru kien kofundatur ta' bank kummerċjali li tant mar tajjeb li, lil Cézanne, ipprovdielu appoġġ finanzjarju li bosta artisti kontemporanji tiegħu ma kellhomx u, eventwalment, ħallielu wkoll wirt konsiderevoli. Biex jikkuntenta lil missieru, fl-1858, Paul beda jistudja l-liġi waqt li, fl-istess ħin, baqa' jieħu l-lezzjonijiet tal-arti. Imma, fl-1861, kontra x-xewqa ta' missieru, li riedu jsir bankier bħalu, intefa' b'ruħu u b'ġismu għall-iżvilupp tat-talenti artistiċi tiegħu u mar Pariġi fejn iltaqa' u għamel ħbieb ma' Camille Pissarro.



Ix-xogħol bikri ta' Cézanne spiss juri gruppi, pjuttost kbar, ta' nies f'pajsaġġi partikolari mpinġijin b'mod ferm immaġinattiv. Iktar tard, beda iktar jinteressa ruħu li jpitter dak li josserva u pinġa bosta pajsaġġi reali, *portraits*, nies f'sitwazzjonijiet diversi u anki *still lifes* ta' buqari, vażuni, frott, purtieri u x'naf jien.

Il-kwadri ta' Paul Cézanne xejn ma kienu milqugħin tajjeb mill-borgeżija Franċiża ta' żmienu. Infatti, fl-1903, ċertu Henri Rochefort żar irkant tal-kwadri li ħalla warajh Émile Zola wara mewtu u, f'ġurnal lokali, ippubblika artiklu kritiku ħafna li kien intitolat, *'L-imħabba għal dak li hu ikrah'*. Rochefort allega li l-pubbliku tgħidx kemm daħaq meta ra l-kwadri ta' ċertu pittur ultra-Impressjonista, jismu Paul Cézanne. In-nies tant irrabjaw għalih li, għal ġranet sħaħ, bdew iħallulu kopji tal-ġurnal fuq l-għatba tal-bieb ta' barra b'messaġġi jitolbuh jitlaq minn *Aix-en-Provence* għax kien qed jagħmlilhom diżunur. Imma llum, il-kwadri li pinġa Paul Cézanne ssibhom imdendlin mal-ħitan tal-aktar mużewijiet prestiġjużi kollha tad-dinja. Il-kwadru li jġib l-isem ta' *Overture to Tannhäuser*, li Cézanne pitter fl-1868, jinsab fil-mużew tal-*Hermitage* li hemm fil-belt ta' San Petroburgo, fir-Russja.



Jum wieħed, waqt li kien qed ipinġi fil-kampanja, Cézanne nqabad f'maltempata. Wara xi sagħtejn, iddeċieda li jitlaq lejn id-dar imma, fit-triq, ħassu ħażin u wasslu d-dar wieħed li nzerta għaddej minn hemm. Is-seftura ta' Cézanne bdiet timmassaġġjalu jdejh u riġlejh minħabba nuqqas ta' ċirkulazzjoni tad-demm u, wara ftit, ġie f'tiegħu. L-għada, Cézanne kien biħsiebu jkompli jaħdem imma reġa' ħassu ħażin. Il-mudella li kien qed jaħdem magħha sejħet l-għajnuna u daħħluh fis-sodda minn fejn ma ħarigx iżjed. Qabditu pulmunite u miet ftit jiem wara, fit-22 t'Ottubru 1906, meta kellu sebgħa u sittin sena. Paul Cézanne jinsab midfun f'ċimiterju f'*Aix-en-Provence* fejn twieled u għex għal ħafna minn ħajtu.